# Linji Gwida

## Standards Soċjali Regolatorji

### Servizzi Residenzjali għall-Anzjani

# WERREJ

**Introduzzjoni għal-Linji Gwida ..... 4**

**Il-Prinċipji li fuqhom huma bbażati l-iStandards u l-Linji Gwida ..... 5**

**Glossarju ..... 6**

**Standard 1:** Id-Drittijiet tar-Residenti ..... 11

**Standard 2:** Pjan ta' Kura Personali u Portafoll ..... 25

**Standard 3:** Is-Saħħa Personali u l-Kura Medika tar-Residenti ..... 29

**Standard 4:** Protezzjoni u Salvagwardja ..... 39

**Standard 5:** L-Ambjent Fiżiku ..... 47

**Standard 6:** Il-Provvista tas-Servizz ..... 55

**Standard 7:** Immaniġġjar ta' Kwalità ..... 61

**Anness I:** Informazzjoni għal Residenti Prospettivi dwar id-Drittijiet u r-Responsabbiltajiet fl-użu tas-Servizz ..... 69

**Anness II:** Ir-Responsabbiltajiet tal-Qraba/Eqreb Persuna għar-Resident jew tar-Rappreżentant Maħtur Legalment ..... 71

**Anness III:** Tim ta' Kura Interdixxiplinarju ..... 72

**Anness IV:** Portafoll Personalizzat ..... 73

**Anness V:** Rekord tal-Pjan ta' Kura Personali u Portafoll Personalizzat ..... 80

**Anness VI:** Proċedura ta' Erba' Stadji biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet li jinbidlu tar-Residenti ..... 81

**Anness VII:** Miżuri ta' Saħħa u Sigurtà ..... 82

**Anness VIII:** Informazzjoni għal Residenti Prospettivi dwar l-Ambjent Fiżiku u s-Servizzi Offruti ..... 84

**Anness IX:** Informazzjoni għal Residenti Prospettivi dwar l-Ispejjeż Finanzjarji għall-użu tas-Servizz ..... 85

**Anness X:** Manwal ta' Politiki u Proċeduri ..... 86

**Anness XI:** Taħriġ għall-Istaff ..... 88

**Links utli ..... 90**

## INTRODUZZJONI GĦAL-LINJI GWIDA

Dawn il-Linji Gwida jistabbilixxu l-livell mistenni tas-servizz li għandu jingħata mill-provdituri tas-servizz skont il-provvedimenti stabbiliti f'dawn l-iStandards u l-prinċipji tas-Servizzi Residenzjali. L-għan ta' dan is-sett ta' Standards Soċjali Regolatorji hu li jkun żgurat illi persuni anzjani li jgħixu fi Djar ta' Kura Residenzjali jirċievu kura tal-ogħla kwalità li tissarraf f'riżultati mill-aktar pożittivi. Dawn l-iStandards Soċjali Regolatorji jiddefinixxu r-responsabbiltajiet tas-Servizzi Residenzjali lejn persuni anzjani.

# IL-PRINĊIPJI LI FUQHOM HUMA BBAŻATI L-ISTANDARDS U L-LINJI GWIDA

Dawn l-iStandards Soċjali Regolatorji qed jiġu stabbiliti bil-fehim li kull persuna li tgħix f'Dar ta' Kura Residenzjali għandu jkollha d-dritt għal kura ta' kwalità. Dan għandu jkun ibbażat fuq dawn il-prinċipji bażiċi: dinjità, kura li tiffoka fuq il-persuna, privatezza, benesseri fiżiku u mentali, twettiq tal-potenzjal, emanċipazzjoni, u ugwaljanza.

Dan ifisser li l-persuni kollha fid-Dar ta' Kura Residenzjali jistgħu:

- jingħataw kura personalizzata adattata għall-ħtiġijiet tagħhom;
- jiġu ttrattati b'rispett f'kull ħin;
- jingħataw il-kura meħtieġa biex tinżamm is-saħħa fiżika u mentali ottima;
- igawdu relazzjonijiet sinifikanti;
- igawdu opportunitajiet u faċilitajiet biex jibqgħu attivi fiżikament u mentalment;
- iżommu l-awtonomija u jieħdu deċiżjonijiet infurmati u jagħtu l-kunsens tagħhom fl-aspetti kollha tal-kura bl-għajnuna tar-rappreżentant maħtur legalment għal deċiżjonijiet importanti meta dan ikun meħtieġ;
- ikollhom il-privatezza u l-proprjetà tagħhom irrispettati;
- jingħataw opportunitajiet u riżorsi biex iwettqu l-potenzjal sħiħ tagħhom;
- jiġu apprezzati;
- iħossuhom siguri fl-ambjent tagħhom u jkunu ħielsa mill-isfruttament;
- jiġu ttrattati b'mod ugwali bħall-oħrajn;
- iżommu l-ogħla livell possibbli ta' indipendenza;
- iressqu lmenti uffiċjali bi dritt għal rikors legali mingħajr riperkussjonijiet;
- iwettqu dan kollu permezz ta' politiki u proċeduri neċessarji maħruġa u implimentati mill-provditur tas-servizz tad-Dar ta' Kura Residenzjali.

# GLOSSARJU

| | |
|---|---|
| **"Assessjar ġerjatriku komprensiv"** | tfisser proċess li jinkludi assessjar multidimensjonali ta' persuna b'dipendenza li qed tiżdied, inkluż komponenti mediċi, fiżiċi, konjittivi, soċjali u spiritwali. Jista' jinkludi wkoll l-użu ta' strumenti ta' valutazzjoni standardizzati u tim ta' kura interdixxiplinarju biex jgħin fil-proċess. |
| **"Att"** | tfisser l-Att dwar l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali (Kapitlu 582). |
| **"l-Awtorità"** | tfisser l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali (SCSA) kif stabbilita permezz tal-artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali (Kapitlu 582). |
| **"Dar ta' kura residenzjali"** | tfisser post li nbena apposta jew kien adattat biex jakkomoda persuni anzjani bi ħtiġijiet ta' kura fit-tul u f'livelli li jvarjaw. Il-post huwa attrezzat u għandu apparat adattat speċifikament għall-provvista ta' kura ħolistika u l-benesseri tar-residenti. |
| **"Drittijiet ċivili"** | tfisser id-drittijiet konferiti lill-persuni permezz tal-Liġijiet ta' Malta. |
| **"Faċilità"** | tfisser post li nbena apposta jew kien adattat biex jakkomoda persuni anzjani bi ħtiġijiet ta' kura fit-tul u f'livelli li jvarjaw. Il-post għandu jkollu t-tagħmir u l-apparat adattat speċifikament għall-provvista ta' kura ħolistika u l-benesseri tar-residenti. |

| | |
|---|---|
| **“Ftehim tas-servizz”** | tfisser ftehim bil-mitkub bejn il-persuna li tuża s-servizz u l-provditur tas-servizz li jispeċifika, fost affarijiet oħra, is-servizzi li għandhom jiġu pprovduti, ħlasijiet u tariffi assoċjati mas-servizz, jekk ikun hemm, it-termini u l-kundizzjonijiet u d-drittijiet u r-responsabbiltajiet taż-żewġ partijiet. |
| **“Imġiba diffiċli”** | tfisser imġiba b’tali intensità, frekwenza, jew tul ta’ żmien esebita mir-residenti, li skattat minn fatturi intrinsiċi jew estrinsiċi, u li għandha l-potenzjal li tikkawża ħsara fiżika, emozzjonali u/jew psikoloġika lir-residenti stess jew lil persuni oħra madwarhom. Din l-imġiba x’aktarx tillimita jew timpedixxi l-aċċess għal ċerti servizzi jew faċilitajiet mingħajr appoġġ adegwat. |
| **“Indikatur ta’ kwalità”** | tfisser stqarrija li tistabbilixxi r-rekwiżiti sabiex tinkiseb il-konformità ma’ Standard. |
| **“Indikatur ta’ prestazzjoni”** | tfisser deskrittur attiv ta’ x’għandhom jagħmlu l-provdituri tas-servizz sabiex jassiguraw ir-riżultati tas-servizz li jsostnu l-indikaturi ta’ kwalità. |
| **“Kura restrittiva”** | tfisser kwalunkwe metodu, fiżiku jew kimiku, li jintuża biex jirristrinġi l-moviment fiżiku tar-resident jew parti mill-ġisem tar-resident sabiex tipproteġi lir-resident jew lil ħaddieħor mill-korriment. Il-kura restrittiva, fiżika jew kimika, meta tintuża, għandha tkun konformi mal-linji gwida stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali attwali. Kull trażżin, fiżiku jew kimiku, għandu jiġi preskritt wara li jiltaqa’ t-tim ta’ kura interdixxiplinarju bl-involviment tar-resident, tal-qraba, jew tar-rappreżentant maħtur legalment u l-bqija tat-tim. L-użu tal-kura restrittiva, fiżika jew kimika, għandu jiġi dokumentat fil-formoli appożiti relatati. Il-kura restrittiva għandha tintuża biss bil-kunsens tal-persuna anzjana, tal-qraba jew tar-rappreżentant maħtur legalment. |

| | |
|---|---|
| **“Maniġment”** | tfisser persuni li jaġixxu f’isem il-provditur tas-servizz biex jipprovdu tmexxija lill-istaff u jissorveljaw u jikkontrollaw il-funzjonament xieraq tas-servizzi offruti lir-residenti. |
| **“Persuna anzjana”** | tfisser persuna ’l fuq minn sittin sena b’livelli ta’ dipendenza li jvarjaw u li l-ħtiġijiet tal-kura tagħha jkunu ġestiti b’mod ħolistiku u fit-tul minn dar ta’ kura residenzjali.[1] |
| **“Persuna kompetenti”** | tfisser persuna li għandha l-għarfien teoretiku u/jew prattiku xieraq u/jew l-esperjenza li jagħmluha kapaċi u/jew awtorizzata li timplimenta attivitajiet speċifiċi, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-istandards jew id-direttivi maħruġa mill-awtoritajiet applikabbli. |
| **“Pjan ta’ kura personali”** | tfisser dokument li huwa bbażat fuq il-valutazzjoni ħolistika tar-resident li jispeċifika kif il-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tar-resident se jintlaħqu. Dan id-dokument għandu jinkludi wkoll ir-riżorsi meħtieġa biex jintlaħqu l-bżonnijiet kontinwi u fit-tul tar-resident. |
| **“Politiki u proċeduri”** | tfisser dokumenti maħruġa mill-maniġment li jirregolaw kif id-dar ta’ kura residenzjali għandha topera. |
| **“Portafoll personalizzat”** | tfisser dokument li huwa bbażat fuq l-esperjenzi pożittivi u negattivi tal-persuna sabiex jaqdi l-ħtiġijiet speċifiċi tagħha.[2] |

1 F’dawn l-iStandards Soċjali Regolatorji, it-termini Resident u Persuna anzjana huma użati b’mod interkambjabbli.

2 F’dawn l-iStandards Soċjali Regolatorji, it-termini Portafoll personalizzat u Portafoll huma użati b’mod interkambjabbli.

| | |
|---|---|
| **"Provditur tas-servizz"** | tfisser persuna jew organizzazzjoni li jipprovdu u joperaw dar ta' kura residenzjali u servizzi assoċjati ma' kura fit-tul lil persuni anzjani. Il-provditur tas-servizz għandu jaqdi l-obbligi kuntrattwali fis-seħħ li jistgħu japplikaw għalihom. |
| **"Rappreżentant maħtur legalment"** | tfisser persuna li tista' tiġi nominata mir-resident biex tinżamm infurmata dwar l-affarijiet personali tar-resident u tieħu deċiżjonijiet jew taġixxi f'isem ir-resident. Tali persuni ma jistgħux ikunu parti mill-maniġment jew l-istaff tal-provditur tas-servizz. Ir-residenti jistgħu wkoll jiġu assenjati kustodju mill-Bord dwar il-Kustodja. F'dan il-każ, ċerti deċiżjonijiet għandhom jittieħdu mill-kustodju skont il-Kodiċi Ċivili (Kap. 16). |
| **"Resident"** | tfisser persuna anzjana li personalment, jew permezz tar-rappreżentant maħtur legalment tagħha, tidħol fi ftehim ma' provditur ta' servizz sabiex il-persuna anzjana tgħix f'dar ta' kura residenzjali u tagħmel użu mis-servizzi offruti mid-dar residenzjali. |
| **"Staff"** | tfisser persuna mqabbda mill-provditur tas-servizz, fejn waħda mir-responsabbiltajiet tagħha hija li tipprovdi appoġġ, kura soċjali u/jew kura tas-saħħa. Membri tal-istaff jistgħu wkoll jassumu dmirijiet amministrattivi simultanjament mar-rwoli tagħhom ta' kura. Membri tal-istaff li jaħdmu fl-amministrattiv ta' organizzazzjoni jew ċentru għandhom jissorveljaw l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet u azzjonijiet organizzattivi u l-infurzar ta' regoli u proċeduri. |
| **"Tim interdixxiplinarju"** | tfisser tim magħmul minn numru ta' professjonisti minn firxa ta' dixxiplini li jaħdmu b'mod kollaborattiv sabiex jipprovdu ħarsien ħolistiku li jindirizza l-bżonnijiet tal-individwi li jirċievu s-servizz. It-tim jaħdem għal għan komuni, jikkondividi miri u responsabbiltajiet komuni, u jimmobilizza r-riżorsi sabiex jintlaħaq l-irwol tiegħu. |

**“Valutazzjoni ħolistika”** tfisser il-proċess li permezz tiegħu l-istaff jidentifika l-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tal-membri fil-komunità li għandhom x’jaqsmu mal-ħarsien tas-saħħa, ħarsien personali, emozzjonali, spiritwali u psikoloġiku, il-protezzjoni u n-networking soċjali u sapport lill-familja; liema servizzi għandhom jingħataw biex jissodisfaw dawn il-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet.

**“Valutazzjoni tar-riskju”** tfisser il-proċess ta’ valutazzjoni tal-probabbilità ta’ effetti negattivi fuq is-saħħa u s-sigurtà tar-residenti, tal-istaff, u ta’ terzi persuni mill-perikli jew in-nuqqas ta’ influwenzi li huma ta’ benefiċċju. Huwa eżami sistematiku tal-aspetti kollha ta’ dar ta’ kura residenzjali jew tal-kapaċitajiet tal-individwu li jikkunsidra: x’jista’ jikkawża korriment jew ħsara; jekk il-perikli jistgħux jiġu eliminati jew inkella, x’miżuri preventivi jew protettivi hemm u/jew għandhom jidħlu fis-seħħ biex jikkontrollaw ir-riskji.

## STANDARD 1:

# ID-DRITTIJIET TAR-RESIDENTI

## STQARRIJA TAL-ISTANDARD:

Dan l-iStandard jippromwovi d-drittijiet fundamentali li jassiguraw ir-rispett u d-dinjità tar-residenti filwaqt li jipprevjeni d-diskriminazzjoni; jippromwovi l-parteċipazzjoni attiva; jassigura approċċ ta' kura ħolistika u dinjituża; u jirrispetta d-deċiżjonijiet u r-rispons tar-residenti, tal-qraba u tar-rappreżentanti maħtura legalment.

## INDIKATURI TA' KWALITÀ:

1. Il-provditur tas-servizz għandu jassisti lir-residenti prospettivi, lill-qraba tagħhom, u lir-rappreżentant maħtur legalment sabiex jieħdu deċiżjoni dwar jekk id-dar ta' kura residenzjali hijiex adattata għall-ħtiġijiet tagħhom.
2. Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li r-residenti jiġu ttrattati b'mod ugwali, b'rispett, dinjità u privatezza.
3. Il-maniġment u l-istaff għandhom jappoġġjaw lir-residenti sabiex iżommu r-relazzjonijiet eżistenti li għandhom u jiżviluppaw oħrajn ġodda.
4. Il-provditur tas-servizz għandu jimmassimizza l-kapaċità tar-residenti sabiex jeżerċitaw l-awtonomija u l-għażla personali skont il-kapaċitajiet mentali tagħhom, għandu jassigura li l-qraba u r-rappreżentanti maħtura legalment tagħhom huma konxji tal-għażla tagħhom, u għandu jassigura li r-residenti jingħataw żmien adegwat meta jkollhom bżonn jieħdu deċiżjoni.

5. Il-provditur tas-servizz għandu jaħtar koordinatur għall-avvenimenti u għandu jħeġġeġ lir-residenti biex jieħdu sehem attiv fl-ippjanar u jipparteċipaw f'attivitajiet soċjali u rikreazzjonali.
6. Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li d-drittijiet legali tar-residenti jkunu protetti u għandu jassigura li r-residenti, il-qraba tagħhom, u r-rappreżentanti maħtura legalment ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet legali tagħhom b'mod dirett u jipparteċipaw fil-proċess ċiviku, jekk ikunu jridu.
7. Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li r-residenti, il-familji tagħhom u persuni sinifikanti oħra qrib tagħhom jingħataw appoġġ u kura paljattiva ottimi, kif ukoll jippromwovi l-kura, is-sensittività, ir-rispett u d-dinjità waqt il-kura paljattiva.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 1

**1.0** **Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jassisti lir-residenti prospettivi, lill-qraba tagħhom, u lir-rappreżentant maħtur legalment sabiex jieħdu deċiżjoni dwar jekk id-dar ta' kura residenzjali hijiex adattata għall-ħtiġijiet tagħhom.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

1.1 Il-maniġment għandu jagħti lir-residenti prospettivi, lill-qraba tagħhom, u lir-rappreżentanti maħtura legalment l-opportunità li ma jagħmlux użu mis-servizzi, mingħajr ebda preġudizzju, jekk is-servizz ma jaqdix il-ħtiġijiet tagħhom.

1.2 Il-maniġment għandu jagħti lir-residenti prospettivi, lill-qraba tagħhom, u lir-rappreżentanti maħtura legalment iċ-ċans li jiddiskutu mal-maniġment u l-istaff qabel jagħmlu l-għażla tagħhom u l-opportunità u l-ħin biex jagħmlu l-mistoqsijiet.

1.3 Il-maniġment għandu jinkoraġġixxi l-involviment tar-residenti prospettivi, tal-qraba tagħhom u tar-rappreżentanti maħtura legalment f'kull deċiżjoni relatata mat-tranżizzjoni u l-futur tagħhom.

1.4 Il-maniġment u l-istaff għandhom jiggarantixxu li r-residenti jkollhom aċċess għal interpretu jew avukat, jekk ikun hemm bżonn.

1.5 Il-maniġment għandu jipprovdi lir-residenti prospettivi, lill-qraba tagħhom u lir-rappreżentant maħtur legalment b'kopja tad-drittijiet bażiċi u r-responsabbiltajiet tar-residenti meta jużaw is-servizz (ara Anness I). Id-drittijiet tar-residenti għandhom jintwerew ukoll f'post li jidher sewwa fil-faċilità. Għandha tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar ir-responsabbiltajiet tal-qraba u/jew tar-rappreżentanti maħtura legalment (ara Anness II).

1.6 Il-maniġment għandu jipprovdi lir-residenti, lill-qraba tagħhom u lir-rappreżentanti maħtura legalment b'fuljett ta' informazzjoni bil-Malti u bl-Ingliż li mill-inqas jinkludi:

1.6.1 deskrizzjoni tas-servizzi kollha pprovduti;

1.6.2 deskrizzjoni tal-alloġġ u tal-faċilitajiet fil-kmamar;

1.6.3 in-numru massimu ta' postijiet residenzjali pprovduti, u kwalunkwe ħtieġa jew interess speċjali li huma koperti; u

1.6.4 sommarju aġġornat tal-opinjonijiet tar-residenti dwar id-dar ta' kura residenzjali.

1.7 Il-maniġment għandu jassigura li jekk ikun hemm xi suspett ta' indeboliment konjittiv, ir-resident jew ir-resident prospettiv għandu jiġi referut għand psikoġerjatra għal valutazzjoni u follow-up. Il-konklużjoni finali għandha tiġi rreġistrata fil-fajl personali tar-resident.

1.8 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li t-tranżizzjoni mid-dar tar-resident għad-dar ta' kura residenzjali tkun waħda bla xkiel.

1.9 Qabel id-dħul fid-dar ta' kura residenzjali, il-qraba u r-rappreżentanti maħtura legalment tar-residenti għandhom jingħataw informazzjoni bil-miktub u bil-lingwa tal-għażla tagħhom, dwar il-politika tar-residenza rigward kuntatti mar-residenti u l-involviment tagħhom fir-residenza u għandhom jingħataw l-opportunità li jagħmlu l-mistoqsijiet.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 2

**2.0** **Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li r-residenti jiġu ttrattati b'mod ugwali, b'rispett, dinjità u privatezza.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

2.1 Il-maniġment u l-istaff għandhom jittrattaw lir-residenti kollha b'rispett irrispettivament mill-età tagħhom; it-twemmin; ir-reliġjon; il-kulur tal-ġilda; l-oriġini etnika jew nazzjonali; ir-razza; ir-responsabbiltajiet tal-familja; l-istat ċivili u soċjo-ekonomiku; l-espressjoni tal-ġeneru jew l-identità tal-ġeneru; il-karatteristiċi ġenetiċi; is-saħħa li tinkludi s-saħħa mentali u abbiltajiet fiżiċi, intellettwali, sensorji u soċjali; il-lingwa; in-nazzjonalità; it-twemmin politiku; il-proprjetà; is-sess jew il-karatteristiċi sesswali u l-orjentazzjoni sesswali.[3]

2.2 Il-maniġment u l-istaff għandhom jikkomunikaw mar-residenti, mal-qraba tagħhom, u mar-rappreżentanti maħtura legalment b'mod xieraq, mingħajr ma jkunu kondixxenti.

2.3 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li r-residenti jingħataw appoġġ sabiex jifhmu d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom rigward opportunitajiet indaqs u li dawn huma konformi mal-iStandards Soċjali Regolatorji stabbiliti.

2.4 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li r-residenti jingħataw l-appoġġ meħtieġ biex igawdu d-drittijiet ċivili tagħhom.

3 Abbozz ta' Liġi dwar l-Ugwaljanza 2020, Att dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identità tal-Ġeneru u l-Espressjoni tal-Ġeneru (Kapitlu 567 tal-Liġijiet ta' Malta), Att dwar l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u l-Karatteristiċi tas-Sess (Kapitlu 540 tal-Liġijiet ta' Malta)

2.5 Il-maniġment u l-istaff għandhom jinfurmaw lir-residenti meta persuni ġodda jkunu se jibdew jgħixu fl-istess kamra.

2.6 Il-maniġment u l-istaff għandhom jinfurmaw lir-residenti meta membri ġodda tal-istaff, voluntiera, apprentisti, jew studenti jkunu se jibdew jaħdmu fid-dar ta' kura residenzjali.

2.7 L-istaff għandu jassigura li r-residenti huma liberi li jipprattikaw it-twemmin tagħhom sakemm dan ma joħloqx inkonvenjent bla bżonn għal residenti oħra.

2.8 L-istaff għandu jassigura li r-rutina, il-preferenzi, u l-bżonnijiet kulturali tar-residenti relatati mal-kura personali tagħhom jiġu rrispettati. Ir-residenti għandu jkollhom id-dritt li jagħżlu l-ġeneru tal-persuni li jipprovdu l-kura personali u/jew il-kura intima. Il-provditur tas-servizz huwa obbligat li jissodisfa l-preferenzi tar-residenti.

2.9 Il-maniġment għandu jassigura li jkun hemm żewġ (2) carers preżenti meta tkun qed tiġi pprovduta l-kura personali u/jew il-kura intima.

2.10 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li r-residenti ma jiġux esklużi minn xi attivitajiet.

2.11 Il-maniġment għandu jassigura li r-rutina tal-istaff u kwalunkwe attività oħra huma koordinati.

2.12 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li r-residenti jistgħu jitkellmu mal-istaff fil-privat u b'mod kunfidenzjali, jekk ikun hemm bżonn.

2.13 L-istaff għandu jassigura li r-residenti jistgħu jaraw tabib jew professjonisti oħra tal-kura tas-saħħa b'mod li l-privatezza tagħhom tiġi mħarsa.

2.14 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li l-privatezza u d-dinjità tar-residenti jiġu rrispettati f'kull ħin rigward:

2.14.1 l-għoti tal-kura personali, inkluż in-nursing, il-ħasil tal-persuna, u l-użu tat-tojlit jew il-commode;

2.14.2 id-dħul fil-kmamar tas-sodda, it-tojlits, u l-kmamar tal-banju;

2.14.3 il-konsultazzjoni ma', u l-eżami minn, professjonisti tas-saħħa u tal-kura soċjali;

2.14.4 il-konsultazzjoni ma' konsulenti legali, nutarili u finanzjarji;

2.14.5 iż-żamma ta' kuntatti soċjali mal-qraba u l-ħbieb;

2.14.6 il-kura paljattiva u tmiem il-ħajja.

2.15 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li r-residenti jkunu jistgħu jiġu megħjuna sabiex jagħmlu użu mit-teknoloġija filwaqt li tinżamm il-privatezza tagħhom skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

2.16 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li r-residenti jistgħu jużaw it-telefown u/jew il-mowbajl fil-privat.

2.17 L-istaff għandu jassigura li r-residenti jistgħu jirċievu l-posta mingħajr ma din tinfetaħ.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 3

**3.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-maniġment u l-istaff għandhom jappoġġjaw lir-residenti sabiex iżommu r-relazzjonijiet eżistenti li għandhom u jiżviluppaw oħrajn ġodda.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

3.1 Il-maniġment u l-istaff għandhom jaċċettaw u jappoġġjaw id-dritt tar-residenti li jkollhom mumenti intimi fil-privatezza tad-dar ta' kura residenzjali jekk ikun leċitu li jsir dan u jekk ikun hemm il-kunsens tal-partijiet kollha.

3.2 Il-maniġment għandu jimplimenta programm psiko-edukattiv li għandu jiġi adattat għall-ħtiġijiet tar-residenti u li jkun jista' jiġi diskuss fuq bażi individwali ma' psikoterapista.

3.3 Il-maniġment u l-istaff għandhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex ir-residenti jirċievu l-viżitaturi fil-privatezza tar-residenza meta jiġi mitlub hekk.

3.4 L-istaff għandu jagħti lir-residenti l-appoġġ meħtieġ biex iwettqu l-obbligi tar-rwol tagħhom ta' ġenituri.

3.5 L-istaff għandu jappoġġja lir-residenti li jkunu tilfu lil xi ħadd qrib tagħhom. Dan jinkludi li jagħtu l-opportunità lir-residenti li jmorru jaraw għall-aħħar darba lill-persuna u jattendu għall-funeral u jipprovdu aċċess għal professjonisti li jistgħu jagħtuhom appoġġ matul il-perjodu ta' luttu.

3.6 Ir-residenti għandhom dejjem ikunu jistgħu jagħżlu liema viżitaturi jixtiequ jilqgħu u liema ma jixtiqux.

3.7 L-involviment fid-dar ta' kura residenzjali minn gruppi tal-komunità lokali u/jew voluntiera għandu jirrifletti l-preferenzi tar-residenti.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 4

**4.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jimmassimizza l-kapaċità tar-residenti sabiex jeżerċitaw l-awtonomija u l-għażla personali skont il-kapaċitajiet mentali tagħhom, għandu jassigura li l-qraba u r-rappreżentanti maħtura legalment tagħhom huma konxji tal-għażla tagħhom, u għandu jassigura li r-residenti jingħataw żmien adegwat meta jkollhom bżonn jieħdu deċiżjoni.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

4.1 Ir-residenti għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw l-għażla personali u l-kontroll massimu fuq il-ħajja personali tagħhom sakemm id-deċiżjoni tagħhom ma tkunx ta' detriment għalihom jew għal ħaddieħor.

4.2 L-istaff għandu juża mezzi ta' komunikazzjoni li jaqdu l-ħtiġijiet tar-residenti u għandu jadattahom permezz tal-pariri tal-professjonisti.

4.3 Il-maniġment u l-istaff għandhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa sabiex ir-residenti jesprimu l-opinjonijiet tagħhom bil-Malti jew bl-Ingliż jew biex jikkomunikaw mal-maniġment u l-istaff f'format li jippreferu.

4.4 Ir-residenti jingħataw l-appoġġ meħtieġ sabiex ikunu jistgħu joħorġu jew jidħlu fid-dar ta' kura residenzjali f'kull ħin.

4.5 Ir-residenti jsiru konxji dwar kull proċedura ta' sigurtà qabel joħorġu jew jidħlu fil-faċilità.

4.6 Il-maniġment u l-istaff għandhom jappoġġjaw lir-residenti sabiex jidentifikaw u jiċċelebraw avvenimenti jew okkażjonijiet speċjali, jekk ikunu jixtiequ.

4.7 Ir-residenti għandhom jingħataw ħin adegwat biex jirriflettu fuq l-għażliet, is-sentimenti u l-opinjonijiet tagħhom mingħajr ma jiġu sfurzati biex jieħdu deċiżjoni.

4.8 Ir-residenti għandhom jiddeċiedu dwar id-dehra personali tagħhom. Meta jkun hemm bżonn, l-istaff għandu jagħti parir lir-residenti.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 5

**5.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jaħtar koordinatur għall-avvenimenti u għandu jħeġġeġ lir-residenti biex jieħdu sehem attiv fl-ippjanar u jipparteċipaw f'attivitajiet soċjali u rikreazzjonali.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

5.1 Il-maniġment u l-istaff għandhom jinvolvu lir-residenti:

5.1.1 f'dak li jiġri ta' kuljum ġewwa d-dar ta' kura residenzjali; u

5.1.2 fl-ippjanar tal-attivitajiet.

5.2 L-istaff għandu jiggwida u jipprepara lir-residenti minn qabel meta jsiru l-attivitajiet.

5.3 L-istaff għandu jorganizza attivitajiet b'mod li huwa adattat għar-residenti, li jiffaċilita l-inklużjoni soċjali u l-anzjanità attiva u li jaqdi l-preferenzi u l-abbiltajiet tar-residenti.

5.4 L-istaff għandu jorganizza attivitajiet b'mod li jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tar-residenti.

5.5 Ir-rutina tal-ħajja ta' kuljum u l-attivitajiet disponibbli għandhom ikunu flessibbli u varjati biex jissodisfaw l-aspettattivi, il-preferenzi u l-kapaċitajiet tar-residenti kemm jista' jkun possibbli.

5.6 L-istaff għandu jassigura li l-programm ta' attivitajiet jintwera f'format adattat u f'post xieraq sabiex ir-residenti u l-qraba tagħhom, u r-rappreżentanti maħtura legalment ikunu jafu x'attivitajiet hemm skedati.

5.7 Il-maniġment għandu jimmonitorja attivitajiet li jiġu pprovduti minn persuni li ma jaħdmux fid-dar ta' kura residenzjali u għandu jinfurmahom dwar kwalunkwe tibdil u adattamenti li għandhom isiru qabel ma tibda l-attività sabiex tiġi assigurata l-inklużjoni tar-residenti kollha li jkunu se jipparteċipaw.

5.8 Il-maniġment u l-istaff għandhom iżommu rekord tal-attivitajiet kollha li jsiru fid-dar ta' kura residenzjali.

5.9 Il-maniġment u l-istaff għandhom jirrevedu l-attivitajiet u l-programmi fuq bażi trimestrali u jadattawhom skont il-ħtieġa sabiex jassiguraw li dawn jaqdu l-ħtiġijiet li jinbidlu tar-residenti.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 6

**6.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li d-drittijiet legali tar-residenti jkunu protetti u għandu jassigura li r-residenti, il-qraba tagħhom, u r-rappreżentanti maħtura legalment ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet legali tagħhom b'mod dirett u jipparteċipaw fil-proċess ċiviku, jekk ikunu jridu.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

6.1 Ir-residenti għandhom jimmaniġġjaw l-affarijiet finanzjarji tagħhom stess sakemm jixtiequ huma, sakemm ikunu jistgħu u jkollhom il-kapaċità jagħmlu dan.

6.2 Il-maniġment għandu jappoġġja lir-residenti kif speċifikat fil-pjan ta' kura bħal, pereżempju, biex jaċċessaw il-ħtiġijiet finanzjarji.

6.3 Il-maniġment u l-istaff għandhom jaraw li r-residenti huma intitolati li jġibu l-possedimenti personali magħhom, bil-limitu dwar dan jiġi maqbul bil-miktub qabel l-ammissjoni.

6.4 Il-maniġment u l-istaff għandhom jipprovdu lir-residenti b'kexxun jew armarju li jissakkar, bil-kopji taċ-ċwievet immarkati b'mod ċar, fejn jistgħu jżommu l-affarijiet personali tagħhom. Ir-resident jew persuna ta' fiduċja awtorizzata mir-resident għandhom iżommu ċ-ċavetta, sakemm fil-pjan ta' kura personali ma tiġix indikata xi raġuni biex dan ma jseħħx. Il-kopji taċ-ċwievet għandhom jinżammu mill-maniġer tad-dar ta' kura residenzjali b'mod sigur u jiġu użati biss jekk jintilfu ċ-ċwievet oriġinali tar-resident. Dan l-użu għandu jiġi ddokumentat kif jixraq. Ir-rappreżentant maħtur legalment għandu jiġi infurmat kull meta jintużaw il-kopji taċ-ċwievet, u dan ukoll għandu jiġi ddokumentat.

6.5 Il-maniġment u l-istaff għandhom jiggarantixxu li r-residenti u l-qraba tagħhom u r-rappreżentanti maħtura legalment għandhom aċċess għar-rekords personali tagħhom, skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

6.6 Il-maniġment u l-istaff għandhom jivverifikaw li d-drittijiet legali tar-residenti kollha huma protetti bis-sħiħ.

6.7 Il-maniġment u l-istaff m'għandhomx jibbenefikaw mit-testmenti u mill-possedimenti tar-residenti.

6.8 Il-maniġment għandu jiggarantixxi li d-dritt tar-residenti li jipparteċipaw fil-proċess politiku jinżamm, pereżempju, billi jitħallew jivvutaw fl-elezzjonijiet.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 7

**7.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li r-residenti, il-familji tagħhom u persuni sinifikanti oħra qrib tagħhom jingħataw appoġġ u kura paljattiva ottimi, kif ukoll jippromwovi l-kura, is-sensittività, ir-rispett u d-dinjità waqt il-kura paljattiva.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

7.1 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li fi tmiem il-ħajja tar-resident, ir-resident, il-qraba tiegħu, u r-rappreżentant maħtur legalment ikunu ttrattati b'kura, sensittività, rispett, dinjità, deċenza, u privatezza skont il-preferenzi personali, soċjali, kulturali u reliġjużi tar-resident u tar-rappreżentant maħtur legalment.

7.2 Il-maniġment u l-istaff għandhom jinfurmaw fil-ħin u b'mod empatiku lill-qraba tar-residenti li jkunu waslu fi tmiem il-ħajja.

7.3 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li r-residenti li jkunu waslu fi tmiem il-ħajja jirċievu attenzjoni xierqa u serħan mill-uġigħ, kif preskritt mit-tobba.

7.4 Il-maniġment u l-istaff għandhom jaraw li ż-żjarat mill-qraba, mill-ħbieb, u mir-rappreżentanti maħtura legalment tar-residenti li jkunu waslu fi tmiem il-ħajja jiġu rrispettati u li l-privatezza tinżamm f'kull ħin.

7.5 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li r-residenti, il-qraba tagħhom, u r-rappreżentanti maħtura legalment għandhom aċċess għal kura paljattiva, assistenza prattika, pariri, u counselling wara l-mewt minn professjonisti mħarrġa.

## STANDARD 2:

# PJAN TA’ KURA PERSONALI U PORTAFOLL

## STQARRIJA TAL-ISTANDARD:

Dan l-iStandard jippromwovi drittijiet li jassiguraw l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u r-reviżjoni ta’ pjan ta’ kura personali u portafoll għal kull resident, sabiex jiġu stabbiliti l-kura ħolistika u l-appoġġ neċessarju u l-għanijiet biex jaqdu l-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tar-residenti.

## INDIKATURI TA’ KWALITÀ:

1. Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li t-tim ta’ kura interdixxiplinarju jinvolvi lil kull resident fil-proċess ta’ valutazzjoni relatata mal-bżonnijiet ħolistiċi u fl-assessjar ġerjatriku komprensiv mal-ammissjoni, u għandu jassigura bil-miktub li l-bżonnijiet tagħhom se jintlaħqu fil-formulazzjoni, fil-modifikazzjoni u fir-reviżjoni tal-pjan ta’ kura personali u l-portafoll.
2. Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li l-pjan ta’ kura personali jiġi implimentat, u li l-implimentazzjoni tiegħu tiġi ddokumentata u kkomunikata lill-partijiet interessati kollha fuq bażi regolari.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 1

**1.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li t-tim ta' kura interdixxiplinarju jinvolvi lil kull resident fil-proċess ta' valutazzjoni relatata mal-bżonnijiet ħolistiċi u fl-assessjar ġerjatriku komprensiv mal-ammissjoni, u għandu jassigura bil-miktub li l-bżonnijiet tagħhom se jintlaħqu fil-formulazzjoni, fil-modifikazzjoni u fir-reviżjoni tal-pjan ta' kura personali u l-portafoll.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

1.1 Ir-residenti l-ġodda għandhom jiġu aċċettati biss wara li ssir valutazzjoni sħiħa, inkluża analiżi medika sħiħa, minn staff iċċertifikat fil-qasam tal-kura ġerjatrika.

1.2 Il-maniġment u l-istaff għandhom jikkonsultaw mal-professjonisti kollha li għandhom jistabbilixxu l-bżonnijiet ħolistiċi tar-resident (ara Anness III).

1.3 Il-maniġment għandu jassigura li l-valutazzjoni inizjali tar-resident tieħu approċċ ħolistiku u tinkludi l-preparazzjoni ta' portafoll. Dan kollu għandu jsir fi żmien ġimgħa mid-dħul fir-residenza (ara Annessi IV u V).

1.4 Il-proċess tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet, jew kwalunkwe valutazzjoni oħra relevanti (bħal, imma mhux limitat għall-Indiċi Barthel 100; il-Punteġġ tal-Mini-Mental; il-Punteġġi Braden, Norton jew Waterlow; il-Mini Nutritional Assessment; il-Falls Risk Assessment Tool, eċċ.), għandhom isiru minn tim ta' kura interdixxiplinarju.

1.5 Il-maniġment għandu jinkorpora approċċ li jiffoka fuq il-persuna fl-iżvilupp tas-servizzi u fil-pjan ta' kura personali inklużi l-bżonnijiet djetetiċi u l-preferenzi tal-ikel.

1.6 Il-maniġment u l-istaff għandhom jikkomunikaw id-dettalji tal-pjan ta' kura u tal-portafoll lir-resident, lill-qraba tiegħu u lir-rappreżentant maħtur legalment u lil professjonisti oħra mediċi u tas-saħħa li jaħdmu mar-resident.

1.7 It-tim ta' kura interdixxiplinarju għandu jispjega lir-residenti d-dettalji tal-pjan ta' kura personali u kwalunkwe modifikazzjoni sinifikanti sussegwenti.

1.8 Il-maniġment u l-istaff għandhom jiggarantixxu li l-valutazzjonijiet relevanti kollha jsiru minn tim ta' kura interdixxiplinarju bl-użu ta' gwidi għall-valutazzjoni u indiċi approvati u dawn għandhom jiġu riveduti kull sitt (6) xhur jew qabel f'każ ta' fażi akuta.

1.9 Bil-proċess ta' valutazzjoni ta' kull sitt (6) xhur jew wara fażi akuta, il-provditur tas-servizz għandu jirrikonoxxi kwalunkwe tibdil fil-ħtiġijiet ta' kull resident u għandu jassigura bil-miktub li dawn se jiġu ssodisfati. Il-maniġer għandu jassigura li dan it-tibdil jiġi kkomunikat lill-istaff u tingħata handover xierqa.

1.10 Ir-riżultati tal-valutazzjonijiet inizjali u dawk ta' kull sitt (6) xhur għandhom ikunu l-bażi tal-pjan ta' kura personali, li mbagħad isiru l-kejl għall-verifika tal-għoti tal-kura. Il-pjan ta' kura personali huwa dokument dinamiku li għandu jiġi rivedut u jista' jinbidel kull sitt (6) xhur skont il-ħtiġijiet tar-resident.

1.11 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li r-residenti li jiżviluppaw kundizzjonijiet mediċi akuti jew kroniċi jiġu assessjati fil-ħin minn professjonisti mediċi u tingħata konsiderazzjoni xierqa biex ir-resident jiġi trasferit għal HDU interna jew inkella esterna. F'każ li jkun hemm il-possibbiltà ta' kundizzjonijiet terminali, għandhom jiġu assessjati u jitfassal pjan ta' kura paljattiva għall-ħtiġijiet tagħhom.

1.12 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li l-addendum għall-ftehim tas-servizz bejn il-provditur tas-servizz u r-resident u/jew ir-rappreżentant maħtur legalment tiegħu jkun jinkludi fih il-pjan ta' kura personali u l-aġġornamenti relatati miegħu, u jispeċifika l-livell ta' kura meħtieġa abbażi tal-valutazzjoni inizjali tat-tabib u evalwata skont l-Indiċi Barthel 100. L-addendum għall-ftehim tas-servizz għandu wkoll jiġi modifikat wara tibdil fl-attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum tar-resident wara konsultazzjoni bejn il-maniġer tad-dar ta' kura residenzjali u t-tabib magħżul mir-resident.

1.13 Kull resident għandu jkollu membru tal-istaff allokat li jkun responsabbli biex jiżgura li r-rekwiżiti ddettaljati fil-pjan ta' kura personali tar-resident jiġu implimentati bis-sħiħ.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 2

**2.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li l-pjan ta' kura personali jiġi implimentat, u li l-implimentazzjoni tiegħu tiġi ddokumentata u kkomunikata lill-partijiet interessati kollha fuq bażi regolari.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

2.1 L-istaff għandu jagħmel rapport bil-miktub meta jkun hemm resident jew rappreżentant maħtur legalment li jirrifjutaw xi trattament iddettaljat fil-pjan ta' kura personali u dan għandu jiġi ffirmat mir-resident, mir-rappreżentant maħtur legalment, u mill-maniġment.

2.2 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li ta' kuljum jinżamm rekord iddettaljat tal-kura, tan-nursing u ta' kwalunkwe intervent li jsir minn professjonisti oħra.

2.3 Il-maniġment u l-professjonisti għandhom jassiguraw li r-residenti u r-rappreżentanti maħtura legalment ikunu involuti fl-evalwazzjoni tar-riskju tagħhom.

2.4 L-istaff, il-qraba u/jew ir-rappreżentanti maħtura legalment għandhom jinnotifikaw lill-maniġment jekk jiġu osservati xi bidliet fil-ħtiġijiet tar-resident (ara Anness VI).

2.5 Il-maniġment għandu jinnotifika lit-tim ta' kura interdixxiplinarju jekk jiġu osservati xi bidliet fil-ħtiġijiet tar-resident (ara Anness VI).

2.6 It-tim ta' kura interdixxiplinarju għandu jinforma lit-tabib tar-residenza li għandu janalizza u jikkonferma, jew mod ieħor, l-osservazzjonijiet li jkunu saru (ara Anness VI).

2.7 Il-maniġment għandu jassigura li jinkiseb it-trattament xieraq u li jiġu pprovduti l-medikazzjoni, u/jew l-għajnuniet meħtieġa (ara Anness VI).

## STANDARD 3:

# IS-SAĦĦA PERSONALI U L-KURA MEDIKA TAR-RESIDENTI

## STQARRIJA TAL-ISTANDARD:

Dan l-iStandard jippromwovi drittijiet li jassiguraw li s-saħħa personali, in-nutrizzjoni, il-benesseri u l-kura medika tar-residenti jiġu ssalvagwardati u promossi. Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li d-dar ta' kura residenzjali għandha kopertura medika billi jaħtar tabib mediku li jkun lest joffri l-assistenza professjonali tiegħu kull meta jkun meħtieġ.

## INDIKATURI TA' KWALITÀ:

1. Ir-residenti għandhom jirċievu dieta varjata, pjaċevoli, tajba għas-saħħa, u nutrittiva, li hi adattata għal ħtiġijiet li huma vvalutati u ddokumentati b'mod individwali.
2. Il-provditur tas-servizz għandu jippromwovi u jħares il-benesseri u s-saħħa fiżika u mentali tar-residenti u għandu jassigura aċċess għas-servizzi kollha tas-saħħa biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ivvalutati.
3. Il-provditur tas-servizz għandu jappoġġja u fejn meħtieġ jassisti lir-residenti biex jiksbu l-medikazzjoni preskritta li jeħtieġu b'mod sigur.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 1

**1.0 Indikatur ta' Kwalità:** Ir-residenti għandhom jirċievu dieta varjata, pjaċevoli, tajba għas-saħħa, u nutrittiva, li hi adattata għal ħtiġijiet li huma vvalutati u ddokumentati b'mod individwali.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

1.1 Il-maniġment u l-istaff għandhom jipprovdu lir-residenti b'ikliet li huma nutrizzjonalment ibbilanċjati u b'kontenut baxx ta' xaħam, zokkor u sodju, għall-ħtiġijiet djetetiċi tagħhom inklużi l-allerġiji u l-intolleranzi għall-ikel u fi kwantitajiet u kwalitajiet li huma adattati għalihom.

1.2 Il-maniġment għandu jassigura li kull resident jiġi offrut tliet (3) ikliet sħaħ kuljum f'intervalli ta' mhux aktar minn ħames (5) sigħat.

1.3 Wara l-ikla ta' filgħaxija għandu jingħata snack, iżda dan m'għandux jissostitwixxi l-ikla ta' filgħaxija. L-intervall bejn dan is-snack u l-kolazzjon tal-għada filgħodu m'għandux ikun ta' aktar minn tnax-il (12) siegħa.

1.4 Il-maniġment għandu jibdel il-menu skont l-istaġuni u f'okkażjonijiet ta' festi.

1.5 Il-menus għandhom ikopru l-ħtiġijiet reliġjużi u/jew kulturali tar-residenti.

1.6 Il-maniġment u l-istaff għandhom jiggarantixxu li r-residenti għandhom ħinijiet regolari tal-ikel u snacks inklużi xarbiet sħan u kesħin skont l-istaġun. Għandhom jiġu kkunsidrati ikliet żgħar aktar frekwenti u flessibbiltà fil-preferenzi tal-ikel għal residenti b'nuqqas ta' aptit.

1.7 Waqt il-ħin tal-ikel, il-maniġment u l-istaff għandhom jipprovdu lir-residenti b'tazzi, platti u pożati li huma plejn u kkowdjati b'kuluri li joħolqu kuntrast mal-mejda.

1.8 L-istaff għandu jiddeskrivi l-ikel fil-platt sabiex ir-resident ikun jista' jiddistingwi bejn item ta' ikel u ieħor u għandu jassigura li jiġi offrut item wieħed (1) tal-ikel kull darba.

1.9 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li l-ikliet kollha jiġu servuti f'temperatura tajba.

1.10 L-istaff għandu jassigura li r-resident jingħata ħin adegwat biex jiekol.

1.11 L-istaff għandu jkun lest li jgħin lir-residenti waqt li qed jieklu u/jew jitma' lir-residenti fejn meħtieġ, b'mod diskret, sensittiv u individwali, filwaqt li r-residenti jiġu mħeġġa jieklu b'mod indipendenti sakemm jistgħu. Jekk ikun hemm diffikultajiet biex ir-resident jiekol minħabba restrizzjonijiet fiżiċi jew restrizzjonijiet oħrajn, għandha ssir konsultazzjoni xierqa ma' terapista okkupazzjonali u/jew patologu tad-diskors u tal-lingwa.

1.12 Kull meta l-istaff jassisti lir-residenti waqt il-ħin tal-ikel, għandu joqgħod bilqiegħda mal-livell tal-vista u f'angolu ta' disgħin grad (90°) biex jippromwovi sorveljanza u assistenza xierqa filwaqt li jnaqqas ir-riskju ta' tixriq u aspirazzjoni.

1.13 L-istaff għandu joqgħod attent għal sinjali ta' tixriq waqt il-ħin tal-ikel u jassisti lir-resident f'din l-eventwalità. Kull inċident ta' dan it-tip għandu jiġi ddokumentat u rrappurtat lill-maniġment u lit-tim interdixxiplinarju.

1.14 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li l-menu jkun disponibbli għar-residenti, għall-qraba u għar-rappreżentanti maħtura legalment.

1.15 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li r-residenti jkollhom għażla ta' mill-inqas żewġ (2) menus differenti, li jinbidlu bejniethom mill-inqas kull ġimagħtejn.

1.16 Il-maniġment u l-istaff għandhom iħeġġu lir-residenti biex jieklu ma' residenti oħra. Madankollu, ir-residenti jistgħu jagħżlu li jieklu f'ħin li huwa aktar konvenjenti għalihom u/jew li jieklu fil-privat, jekk ikun hemm bżonn u sakemm dan ma joħloqx inkonvenjent lir-residenti l-oħra.

1.17 Il-maniġment u l-istaff għandhom jiffaċilitaw l-aċċess tar-residenti għall-ilma tax-xorb mingħajr ebda spejjeż żejda.

1.18 L-iskrining nutrizzjonali għandu jsir mal-ammissjoni, u sussegwentement fuq bażi perjodika, filwaqt li jinżamm rekord tan-nutrizzjoni, inklużi żieda jew telf ta' piż, u tal-azzjoni xierqa li tkun ittieħdet.

1.19 Ir-residenti kollha għandhom jingħataw għażla ta' ikel, inklużi dawk bi ħtiġijiet djetetiċi differenti u bi bżonnijiet relatati mal-konsistenza tal-ikel.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 2

**2.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jippromwovi u jħares il-benesseri u s-saħħa fiżika u mentali tar-residenti u għandu jassigura aċċess għas-servizzi kollha tas-saħħa biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ivvalutati.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

2.1 Id-dar ta' kura residenzjali għandu jkollha mill-inqas kamra waħda (1) tat-trattament mgħammra bit-tagħmir kollu meħtieġ. It-tagħmir fil-kamra/kmamar tat-trattament għandu jinkludi, imma mhux limitat għal:

2.1.1 kontroll tat-temperatura tal-arja kundizzjonata;

2.1.2 post għall-ħżin tal-mediċini;

2.1.3 friġġ għall-użu farmaċewtiku;

2.1.4 sink bl-elbow tap;

2.1.5 dispenser tax-xugamani tal-karti, sapun u hand rub;

2.1.6 sharps boxes;

2.1.7 kontenitur bil-pedala għar-rimi tal-iskart kliniku;

2.1.8 kontenitur bil-pedala għar-rimi tal-iskart domestiku;

2.1.9 DDA cupboard b'serratura doppja u b'sistema ta' allarm;

2.1.10 ingwanti;

2.1.11 airways ta' kull daqs;

2.1.12 trolley tal-emerġenza; u

2.1.13 portable suction machine.

2.2 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li s-saħħa fiżika u mentali tar-residenti tkun immonitorjata u li r-residenti għandhom aċċess għal trattament xieraq fuq bażi individwali.

2.3 Il-maniġment għandu jassigura li d-dar ta' kura residenzjali toffri kopertura medika. Ir-residenti jistgħu wkoll ifittxu l-kura medika mingħand tabib tal-għażla tagħhom, u d-dettalji tal-kuntatt tat-tabib identifikat għandhom jiġu ddokumentati b'mod ċar fil-pjan ta' kura personali.

2.4 Għandhom jiġu promossi u jingħataw opportunitajiet ta' kuljum għall-eżerċizzju u attività fiżika xierqa għall-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet ta' kull resident.

2.5 Il-maniġment għandu jassigura li kull resident jiġi assenjat tabib tal-kura primarja u/jew ġerjatra li jkunu responsabbli għall-pjan ta' kura personali inizjali u għall-valutazzjonijiet u r-reviżjonijiet sussegwenti.

2.6 Il-maniġment għandu jassigura li hemm proċeduri stabbiliti u ddokumentati b'mod ċar dwar l-aċċess għall-kura medika ta' emerġenza għar-residenti, il-qraba, u r-rappreżentanti maħtura legalment.

2.7 Il-maniġment u l-istaff għandhom jipprovdu lir-residenti bl-għajnuna meħtieġa biex issirilhom analiżi medika sħiħa.

2.8 Il-maniġment u l-istaff għandhom jgħinu lir-residenti biex iżommu l-iġjene personali u orali tagħhom kif xieraq u għandhom jappoġġjaw lir-residenti biex jieħdu ħsieb tagħhom infushom.

2.9 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li r-residenti jiġu assessjati minn persuna kompetenti biex jiġu identifikati r-residenti li huma f'riskju li jiżviluppaw ġrieħi tas-sodda u infezzjonijiet/kundizzjonijiet oħra billi jiġu osservati wkoll sinjali ta' konfużjoni u/jew bidliet fl-imġiba u għandhom jassiguraw li jingħata trattament xieraq f'waqtu u jinżamm rekord fil-pjan ta' kura personali tagħhom.

2.10 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li jintalab parir professjonali f'każijiet ta' inkontinenza u li tittieħed azzjoni dwarhom.

2.11 Il-maniġment u l-istaff għandhom jimmonitorjaw is-saħħa mentali tar-residenti b'mod regolari u jassiguraw li tittieħed azzjoni terapewtika f'waqtha.

2.12 Il-maniġment u l-istaff għandhom jivverifikaw li jsiru interventi xierqa għar-residenti identifikati li huma fir-riskju ta' waqgħat u għandhom jassiguraw l-aċċess għall-valutazzjoni u l-forniment ta' apparat u għajnuniet xierqa għar-residenti.

2.13 Il-maniġment għandu jipprovdi lir-residenti bl-appoġġ meħtieġ sabiex ikollhom aċċess għat-testijiet tas-smigħ u tal-vista inklużi l-għajnuniet adattati għall-ħtiġijiet tagħhom.

2.14 L-istaff għandu jassisti u jakkumpanja lir-residenti meta jattendu għal appuntamenti fl-isptarijiet u/jew għal servizzi ta' kura tas-saħħa fil-komunità, għal terapiji komplementari jew gruppi ta' appoġġ u/jew għal konsultazzjonijiet ma' professjonisti oħra tal-kura tas-saħħa jew għal ħtiġijiet aktar kumplessi meta jkun meħtieġ sakemm il-qraba, il-ħbieb u/jew ir-rappreżentant maħtur legalment tar-resident ma jkunux jistgħu jagħmlu dan. Dawn il-viżti għandhom jiġu ddokumentati.

2.15 Il-maniġment u l-istaff għandhom jieħdu azzjoni immedjata meta r-residenti juru sinjali jew intenzjonijiet ta' awtoleżjoni jew ħsibijiet ta' suwiċidju. Ir-residenti għandhom jingħataw appoġġ b'mod sensittiv u għandha tintalab għajnuna speċjalizzata.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 3

**3.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jappoġġja u fejn meħtieġ jassisti lir-residenti biex jiksbu l-medikazzjoni preskritta li jeħtieġu b'mod sigur.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

3.1 Il-maniġment għandu jivverifika li hemm politiki u proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-istaff biex jakkwista, jirċievi, jiddokumenta, jaħżen, jimmaniġġja, jamministra, u jarmi l-mediċini f'konformità mal-leġiżlazzjoni lokali attwali.

3.2 Għandhom jinżammu rekords tal-mediċini kollha riċevuti, amministrati u li jinħarġu mid-dar ta' kura residenzjali jew jintremew sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm immaniġġjar ħażin ta' medikazzjoni.

3.3 Il-maniġment u l-istaff għandhom jiggarantixxu li l-mediċini, is-supplimenti, u l-medikazzjonijiet tar-residenti huma f'konformità mal-leġiżlazzjoni relevanti.

3.4 Is-swali speċjalizzati u/jew magħluqa għandu jkollhom sistema separata għall-ħżin u l-amministrazzjoni tal-mediċini kollha, inklużi l-mediċini kontrollati jekk applikabbli.

3.5 L-infermiera inkarigati għandhom iżommu rekord aġġornat tal-medikazzjoni attwali preskritta għal kull resident.

3.6 Il-mediċini kontrollati għandhom jinżammu ġo DDA cupboard iċċertifikat u jiġu amministrati minn persuni kompetenti, f'ambjent kontrollat li huwa konformi mal-leġiżlazzjoni lokali attwali.

3.7 Qabel ma jamministra l-mediċini jew jipprovdi t-trattament, l-istaff għandu jispjega lir-resident, b'mod ċar u rispettuż, it-trattament li se jingħata.

3.8 Il-professjonist li jamministra l-mediċina għandu jiddokumenta l-amministrazzjoni tal-mediċina, is-supplimenti u l-medikazzjoni, u jindika b'mod ċar il-ħin tal-amministrazzjoni u l-istaff li qed jamministra l-medikazzjoni, u għandu jassigura li kwalunkwe tibdil osservat fil-kundizzjoni tar-resident li jkun qed jirċievi l-medikazzjoni jiġi rrappurtat kif jixraq.

3.9 Il-maniġment u l-istaff għandhom jirrappurtaw u jiddokumentaw kwalunkwe żball mediku billi jimlew rapport dwar l-inċident u jinfurmaw lill-Awtorità u entitajiet oħra relevanti.

3.10 Il-medikazzjoni ta' kull resident għandha tiġi riveduta minn professjonist mediku kull sitt (6) xhur jew skont il-ħtieġa.

3.11 Il-maniġment għandu jivverifika li l-mediċini kollha jiġu amministrati minn persuna kompetenti skont il-leġiżlazzjoni.

3.12 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li r-residenti u/jew ir-rappreżentanti maħtura legalment jiġu assistiti u jkunu jistgħu jaċċessaw l-iskemi tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek f'isem ir-resident.

## STANDARD 4:

# PROTEZZJONI U SALVAGWARDJA

## STQARRIJA TAL-ISTANDARD:

Dan l-iStandard jippromwovi drittijiet li jassiguraw il-protezzjoni, il-benesseri u s-sigurtà tar-residenti.

## INDIKATURI TA' KWALITÀ:

1. Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li persuni kompetenti jagħmlu evalwazzjoni tal-perikli u r-riskji fid-dar ta' kura residenzjali, inkluż il-valutazzjoni tar-riskji b'mod individwali.
2. Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li s-saħħa, is-sigurtà u l-benesseri tar-residenti kollha u l-istaff jiġu promossi u protetti f'kull ħin.
3. Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li r-residenti huma protetti u ssalvagwardati minn kull forma ta' abbuż u fastidju.
4. Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li r-residenti kollha u l-qraba u r-rappreżentanti maħtura legalment tagħhom għandhom ikunu kunfidenti li l-ilmenti tagħhom se jiġu mismugħa, jittieħdu bis-serjetà, tittieħed azzjoni dwarhom u li se jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 1

**1.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li persuni kompetenti jagħmlu evalwazzjoni tal-perikli u r-riskji fid-dar ta' kura residenzjali, inkluż il-valutazzjoni tar-riskji b'mod individwali.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

1.1 Il-maniġment għandu jaħtar persuna kompetenti biex tagħmel valutazzjoni tar-riskju kull sentejn jew kull meta jkun hemm sitwazzjoni ta' periklu jew riskju fid-dar ta' kura residenzjali li tista' tbiddel il-livelli tar-riskju. Għandu jkun hemm prova ddokumentata li l-valutazzjoni tar-riskju saret minn persuna kompetenti. Ir-rapport li jiċċertifika li jkunu ttieħdu l-miżuri kollha sabiex jiġu kkontrollati r-riskji għandu jintbagħat lill-Awtorità fuq bażi annwali.

1.2 Il-maniġment għandu jassigura li d-dar ta' kura residenjzali għandha polza ta' assigurazzjoni komprensiva valida.

1.3 Il-maniġment għandu jassigura li l-bini huwa kopert b'rapport dwar nirien u ventilazzjoni mħejji minn persuna kompetenti.

1.4 Ir-residenza għandha tkun aċċessibbli għas-servizzi tal-emerġenza.

1.5 Il-maniġment għandu jassigura li d-dar ta' kura residenzjali tissodisfa r-rekwiżiti kollha sabiex tkun konformi mal-Leġiżlazzjoni dwar is-Saħħa u s-Sigurtà (ara Anness VII għal miżuri indikattivi) u mar-rekwiżiti tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika.

1.6 Id-djar ta' kura residenzjali li għandhom aktar minn sular wieħed, jew li jinsabu fis-sulari ta' fuq, għandu jkollhom lift biex jiffaċilita t-trasferiment tar-residenti minn sular għal ieħor b'mod sigur. Il-lift għandu jakkomoda stretcher tal-ambulanza b'dimensjonijiet standard ta' 195 cm x 55 cm x 25 cm kif ukoll il-personnel.

1.7 Iċ-ċertifikati, ir-rapporti u dokumenti oħra li jikkonfermaw li s-servizz huwa konformi mal-leġiżlazzjoni u l-proċeduri kollha relevanti (inklużi r-regolamenti relatati mas-saħħa u s-sigurtà, l-iġjene tal-ikel u r-reġistrazzjoni tas-servizz mal-Awtorità) għandhom jintwerew fil-binja, f'post viżibbli għar-residenti u l-viżitaturi kollha.

1.8 Għandu jkun hemm fis-seħħ politiki u proċeduri għall-kontroll tal-infezzjonijiet inklużi l-immaniġġjar u r-rimi sigur tal-iskart kliniku; l-immaniġġjar tat-tixrid ta' materjali jew sustanzi; il-provvista ta' ħwejjeġ protettivi; u l-ħasil tal-idejn. Il-maniġer tad-dar ta' kura residenzjali għandu jagħti prova bil-miktub li hemm politiki u proċeduri fis-seħħ f'dan ir-rigward.

1.9 Kwalunkwe faċilità għall-ħasil tal-ħwejjeġ għandha tkun mifruda mit-tojlit u mill-faċilitajiet għall-ħasil tar-residenti.

1.10 Id-dar ta' kura residenzjali għandu jkollha faċilità ta' ġbir ta' ħwejjeġ għall-ħasil u apparat ta' diżinfezzjoni.

1.11 L-istaff għandu jassigura li l-inċidenti kollha, il-korrimenti u l-każijiet ta' mard, inklużi l-close calls, u l-użu tal-kura restrittiva jiġu dejjem iddokumentati u rrappurtati lill-maniġer tad-dar ta' kura residenzjali.

1.12 Il-maniġment għandu jassigura li l-inċidenti kollha, il-korrimenti u l-każijiet ta' mard, inklużi l-close calls, u l-użu tal-kura restrittiva jiġu dejjem iddokumentati u rrappurtati għal aktar investigazzjoni. Dawn għandhom jiġu rrappurtati lill-Awtorità permezz tal-Patient Safety Incident Form tal-istess Awtorità u lil awtoritajiet oħra relevanti b'mod immedjat.

1.13 Qabel ma tintuża l-kura restrittiva għandha ssir valutazzjoni mit-tim interdixxiplinarju b'konsultazzjoni mar-rappreżentant maħtur legalment.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 2

**2.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li s-saħħa, is-sigurtà u l-benesseri tar-residenti kollha u l-istaff jiġu promossi u protetti f'kull ħin.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

2.1 Il-maniġment għandu jassigura l-konformità mal-leġiżlazzjoni relevanti dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol b'mod partikolari l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol XXVII tal-2000, kif emendat bl-Att XXXII tal-2007; bl-Avviż Legali 426 tal-2007; bl-Att X tal-2013; bl-Att XXVII tal-2019 u kwalunkwe emenda minn hemm 'il quddiem.

2.2 Il-maniġment għandu jassigura li l-politiki u l-proċeduri tad-dar ta' kura residenzjali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà inklużi l-Pjanijiet ta' Emerġenza, Fire Drills u Politiki dwar il-Kontroll tal-Infezzjonijiet jitqiegħdu f'postijiet li jidhru fir-residenza u b'mod li jinftiehem faċilment mir-residenti, mill-qraba u mir-rappreżentanti maħtura legalment.

2.3 Il-maniġment għandu jassigura li l-istaff kollu li jaħdem fid-dar ta' kura residenzjali jifhem u jirrispetta l-politiki u l-proċeduri dwar is-Saħħa u s-Sigurtà inklużi l-Pjanijiet ta' Emerġenza, Fire Drills, u Politiki dwar il-Kontroll tal-Infezzjonijiet.

2.4 Il-maniġment għandu jassigura li l-manutenzjoni tal-apparat u l-makkinarju kollu, bħat-tagħmir tal-arja kundizzjonata u apparat ieħor simili, issir skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur u għandu jkun hemm skeda fejn jinżamm rekord tal-manutenzjoni ta' natura preventiva.

2.5 Il-maniġment għandu jassigura li l-mard kollu li jittieħed jiġi ddokumentat u rrappurtat minnufih lis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, lill-Awtorità u lil entitajiet oħra relevanti.

2.6 Il-maniġment u l-istaff għandom jassiguraw li l-affarijiet personali tar-residenti ma jintużawx minn persuni oħra sakemm ir-resident u r-rappreżentant maħtur legalment ma jindikawx mod ieħor.

2.7 L-istaff għandu jgħin lill-qraba tar-resident u/jew lir-rappreżentant maħtur legalment sabiex jiġi assigurat li l-affarijiet personali tar-resident ikunu mmarkati bl-isem tal-istess resident.

2.8 Il-maniġment għandu jassigura li l-faċilità għandha sistemi fis-seħħ sabiex il-ħwejjeġ kollha mibgħuta għall-ħasil jiġu rritornati lis-sidien tagħhom.

2.9 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li r-residenti jafu liema partijiet mid-dar ta' kura residenzjali huma identifikati bħala pubbliċi jew privati.

2.10 Il-maniġment għandu jassigura li l-użu tal-kameras tas-CCTV huwa ristrett għall-ispazji komuni u għaż-żoni tad-dħul, inklużi twieqi, kurituri, liftijiet u turġien, għal raġunijiet ta' sigurtà biss u f'konformità mal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data b'mod partikolari Kapitlu 586 tal-Liġijiet ta' Malta u l-politika tal-provditur tas-servizz dwar l-użu tal-kameras tas-CCTV.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 3

**3.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li r-residenti huma protetti u ssalvagwardati minn kull forma ta' abbuż u fastidju.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

3.1 Ir-residenti, il-qraba tagħhom u r-rappreżentanti maħtura legalment għandhom ikunu jafu kif jirrappurtaw każijiet ta' fastidju u abbuż lill-maniġment, lill-Awtorità jew lil awtoritajiet oħra relevanti.

3.2 Il-maniġment u l-istaff għandhom iwieġbu b'mod effettiv għal rapporti ta' fastidju u/jew abbuż filwaqt li jipproteġu lir-residenti kollha.

3.3 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li hemm fis-seħħ proċeduri robusti li jwieġbu għal suspett jew evidenza ta' abbuż jew nuqqas ta' attenzjoni, inkluż l-iżvelar ta' informazzjoni protetta skont l-Att dwar il-Protezzjoni ta' Informatur, sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u l-protezzjoni tar-residenti kollha.

3.4 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li r-residenti kollha jiġu ssalvagwardati minn abbuż fiżiku, finanzjarju, psikoloġiku jew sesswali, u minn nuqqas ta' attenzjoni, abbuż diskriminatorju jew awtoleżjoni, trattament inuman jew degradanti, kemm jekk intenzjonat, b'negliġenza jew b'injoranza, skont il-politiki bil-mitkub.

3.5 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li tittieħed azzjoni immedjata dwar l-allegazzjonijiet u l-inċidenti kollha ta' abbuż, inkluż in-nuqqas ta' attenzjoni, kif indikat hawn fuq, skont il-politika u l-proċeduri interni dwar l-abbuż u li l-miżuri li jittieħdu jkunu ddokumentati. Każijiet ta' dan it-tip għandhom ukoll jiġu rrappurtati minnufih lill-Pulizija, lill-Awtorità u lil awtoritajiet oħra relevanti.

3.6 Il-provditur tas-servizz għandu jkollu pjan ta' kontinġenza sabiex jassigura li l-kura tiġi pprovduta lir-residenti anke fl-eventwalità ta' kwalunkwe azzjoni industrijali.

3.7 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li kwalunkwe informazzjoni ġdida relatata mal-istaff li jinsab li ma jkunx tajjeb għal xogħol ma' adulti vulnerabbli tiġi kkunsidrata u tittieħed azzjoni f'waqtha.

3.8 Il-maniġment għandu jassigura li r-residenti jiġu ttrattati skont il-leġiżlazzjoni attwali tal-konsumatur b'mod partikolari l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitlu 378 tal-Liġijiet ta' Malta).

3.9 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li r-residenti għandhom il-mezzi neċessarji biex jipprovdu feedback u suġġerimenti b'mod anonimu.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 4

**4.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li r-residenti kollha u l-qraba u r-rappreżentanti maħtura legalment tagħhom għandhom ikunu kunfidenti li l-ilmenti tagħhom se jiġu mismugħa, jittieħdu bis-serjetà, tittieħed azzjoni dwarhom u li se jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

4.1 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li r-residenti, il-qraba, u r-rappreżentanti maħtura legalment huma konxji tal-proċeduri dwar kif jistgħu jsiru l-ilmenti.

4.2 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li l-ilmenti jittieħdu bis-serjetà u li jiġu indirizzati minnufih b'mod kunfidenzjali u mingħajr biża' ta' tpattija.

4.3 Il-maniġment u l-istaff għandhom iżommu rekord tal-ilmenti kollha li jkunu saru, u dan għandu jinkludi dettalji tal-investigazzjonijiet u ta' kwalunkwe azzjoni li tkun ittieħdet.

4.4 Il-provditur tas-servizz għandu jinvestiga l-ilmenti kollha li jirċievi mingħand ir-residenti, il-qraba tagħhom u r-rappreżentanti maħtura legalment. Fejn ma jkunx jista' jinkiseb riżultat sodisfaċenti jew jekk min jagħmel l-ilment ma jkunx sodisfatt bl-azzjoni li tkun ittieħdet, il-każ għandu jiġi referut lill-Awtorità.

# STANDARD 5:
# L-AMBJENT FIŻIKU

## STQARRIJA TAL-ISTANDARD:

Dan l-iStandard jippromwovi drittijiet li jassiguraw illi l-ambjent huwa akkoljenti, familjari, pjaċevoli u li jaqdi l-ħtiġijiet tar-residenti.

## INDIKATURI TA' KWALITÀ:

1. Is-sit u t-tqassim u l-ispazji esterni kollha tad-dar ta' kura residenzjali għandhom ikunu xierqa għal persuni anzjani.
2. Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li d-dar ta' kura residenzjali tipprovdi lir-residenti kollha faċilitajiet interni u esterni komuni u privati li huma aċċessibbli, siguri, u komdi.[4]
3. Il-provditur tas-servizz għandu jinkoraġġixxi lir-residenti biex iżommu l-ogħla livell possibbli ta' indipendenza.

4 Spazju estern jirreferi għal żona esterna fil-miftuħ barra l-faċilità, b'dawl naturali u tagħmir adattat, kanopewijiet, u ħdura, bħal ġonna u/jew terrazzi. Żoni magħluqa, bħal xaftijiet, m'għandhomx ikunu kkunsidrati bħala spazju estern suffiċjenti.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 1

**1.0 Indikatur ta' Kwalità:** Is-sit u t-tqassim u l-ispazji esterni kollha tad-dar ta' kura residenzjali għandhom ikunu xierqa għal persuni anzjani.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

1.1 Id-dar ta' kura residenzjali għandha tkun konformi mal-istandards dwar l-aċċessibbiltà skont il-leġiżlazzjoni lokali sabiex tiġi assigurata l-aċċessibbiltà għal kulħadd.[5]

1.2 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li hemm kuntrast bejn l-art u l-ħitan.

1.3 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li t-tqassim tal-ispazju intern inaqqas l-ostakli fiżiċi biex ir-residenti jkunu jistgħu jimxu minn post għal ieħor b'mod sigur. Għandu jkun hemm grab rails fuq iż-żewġ naħat tal-kurituri biex iservu ta' sapport waqt il-mixi.

1.4 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li d-dawl naturali jiġi utilizzat f'kull parti tad-dar ta' kura residenzjali. Jekk dan mhuwiex possibbli, il-provditur tas-servizz għandu jassigura li jiġi pprovdut dawl adegwat ta' lewn abjad safrani.

1.5 Il-provditur tas-servizz għandu jippromwovi l-orjentazzjoni tal-post permezz ta' sinjali viżivi u sulari kkowdjati bil-kuluri.

1.6 Il-provditur tas-servizz għandu jippromwovi ambjent kwiet kemm fl-ispazji komuni kif ukoll f'dawk privati.

1.7 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li n-nursing station qiegħda f'post viżibbli u hija aċċessibbli għar-residenti kollha.

5 Standards Nazzjonali SM 3800:2015 – Aċċessibilità għal Kulħadd f'Ambjent Mibni.

1.8 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li hemm għażla ta' siġġijiet u pultruni b'aspett familjari u li jaqdu l-ħtiġijiet fiżiċi tar-residenti bħal siġġijiet u pultruni bl-għoli tad-dahar, dirgħajn u sedil aġġustabbli.

1.9 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li l-imwejjed tal-pranzu jakkomodaw numru żgħir ta' residenti u huma aċċessibbli għal persuni li jużaw siġġu tar-roti.

1.10 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li d-dar ta' kura residenzjali hija ddisinjata b'mod li jirrappreżenta ambjent domestiku sabiex jippromwovi sens ta' trankwillità.

1.11 Il-kontroll tat-temperatura ambjentali, il-provvista tad-dawl, il-provvista tal-ilma u l-ventilazzjoni fil-kmamar tar-residenti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti relevanti tas-saħħa u s-sigurtà ambjentali. Għandu jkun hemm termometri li jeħlu mal-ħajt fil-kurituri, fl-ispazji komuni, fil-kmamar tat-trattament u fil-kmamar tas-sodda tar-residenti.

1.12 Il-kmamar għandhom ikunu ventilati individwalment b'mod naturali bi twieqi u gallariji aċċessibbli f'konformità mal-istandards rikonoxxuti.

1.13 It-twieqi u l-gallariji[6] għandu jkollhom purtieri, karatteristiċi ta' sigurtà u nemusiera.

1.14 L-għoli tat-twieqi u l-gallariji fil-binjiet il-ġodda; dawk li huma liċenzjati għall-ewwel darba; u dawk b'liċenzja riveduta skont in-numru ta' sodod, estensjonijiet u xogħlijiet ta' tisbiħ fir-residenza għandu jippermetti li r-resident jara minnhom meta jkun bilqiegħda jew fis-sodda.

1.15 Id-dawl fl-alloġġ tar-residenti għandu jikkonforma ma' standards rikonoxxuti u għandu jkun ta' tip li jintuża fid-djar residenzjali.

1.16 Għandu jkun hemm dwal ta' emerġenza fir-residenza kollha.

6 It-twieqi u l-gallariji għandhom jagħtu għal fuq spazji miftuħa bħal, imma mhux limitat għal, toroq jew ġonna, u mhux xaftijiet.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 2

**2.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li d-dar ta' kura residenzjali tipprovdi lir-residenti kollha faċilitajiet interni u esterni komuni u privati li huma aċċessibbli, siguri, u komdi.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

2.1 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li l-kuluri tat-tojlit sits, tal-grab rails u għajnuniet oħra joħolqu kuntrast mal-ħitan ta' warajhom.

2.2 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li s-sit u t-tqassim tad-dar ta' kura residenzjali huma aċċessibbli, siguri u miżmuma fi stat tajjeb.

2.3 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li l-ispazju estern huwa adattat biex jippromwovi l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet. L-ispazju estern għandu jkun iddisinjat biex jissodisfa l-ħtiġijiet tar-residenti kollha inklużi dawk b'indeboliment fiżiku, sensorju u konjittiv, u għandu jikkonforma mal-Linji Gwida tal-Aċċessibbiltà.[7]

2.4 It-tojlits u l-faċilitajiet għall-ħasil għandhom jiġu pprovduti biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tar-residenti kollha.

2.5 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li x-xawers huma walk-in, spazjużi u mgħammra b'għajnuniet ta' sigurtà. Id-dar ta' kura residenzjali għandha tipprovdi tal-inqas banju assistit wieħed (1) (jew xawers assistiti, sakemm dawn jissodisfaw il-ħtiġijiet tar-residenti) lil mhux iżjed minn ħames (5) residenti.

2.6 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li l-vitien għandhom lever.

7 Standards Nazzjonali SM 3800:2015 – Aċċessibilità għal Kulħadd f'Ambjent Mibni.

2.7 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li l-bibien u l-postijiet tad-dħul huma wesgħin biżżejjed sabiex tiġi assigurata l-aċċessibbiltà għas-siġġu tar-roti.

2.8 Id-dar ta' kura residenzjali għandha tipprovdi spazju intern fejn ir-residenti jistgħu jpoġġu bilqiegħda, spazju rikreattiv u spazju għall-pranzu[8] li jammonta għal mill-inqas erba' (4) metri kwadri għal kull resident. Għandu jkun hemm spazji interni u esterni komuni li jkunu disponibbli u jinkludu, imma mhumiex limitati għal:

2.8.1 ambjent fejn ma jistax isir tipjip;

2.8.2 kmamar li fihom jistgħu jsiru varjetà ta' attivitajiet soċjali, kulturali u reliġjużi;

2.8.3 kmamar fejn ir-residenti jistgħu jiltaqgħu mal-viżitaturi fil-privat;

2.8.4 sala/swali tal-pranzu fejn ir-residenti jistgħu jieklu flimkien; u

2.8.5 salott b'ventilazzjoni u dawl adegwat.

2.9 Għandu jkun hemm tojlits aċċessibbli għar-residenti mmarkati b'mod ċar, qrib is-swali ta' rilassament u tal-pranzu.

2.10 It-tojlits għall-viżitaturi u l-istaff għandhom ikunu mifruda minn dawk tar-residenti.

2.11 Id-dar ta' kura residenzjali għandha tipprovdi lil kull resident alloġġ ta' spazju minimu kif speċifikat hawn taħt:

2.11.1 fl-istabbilimenti eżistenti, il-kmamar għal persuna waħda li tkun tuża siġġu tar-roti għandu jkollhom mill-inqas tnax-il (12) metru kwadru ta' art użabbli (minbarra l-ensuite, id-dħul għall-kamra tas-sodda, u l-għamara mobbli u immobbli); u

2.11.2 kmamar li attwalment huma kondiviżi għandu jkollhom mill-inqas tmien (8) metri kwadri ta' spazju użabbli għal kull resident (minbarra l-ensuite, id-dħul għall-kamra tas-sodda, u l-għamara mobbli u immobbli).

8 Magħrufa b'mod kollettiv bħala spazju intern komuni; bl-esklużjoni tal-akkomodazzjoni privata tar-residenti u tal-kurituri, il-gallariji u s-sala tad-dħul.

2.12 F'każ ta' kmamar kondiviżi, dawn għandhom jiġu okkupati minn mhux iktar minn żewġ (2) residenti, sakemm ma jsirx ftehim mod ieħor fil-kuntratt. M'għandux ikun hemm iktar minn tliet (3) sodod f'kull kamra.

2.13 Id-dar ta' kura residenzjali għandha tipprovdi alloġġ għal kull resident li jkun mgħammar b'tali mod li jassigura l-kumdità u l-privatezza u li jaqdi l-ħtiġijiet evalwati tar-resident. Fin-nuqqas ta' affarijiet personali tar-residenti stess, il-kmamar individwali għandhom mill-inqas jinkludu, imma mhumiex limitati għal li ġej[9]:

2.13.1 sodod bl-għoli aġġustabbli u saqqijiet speċjali; sodda nadifa u komda, wiesgħa minimu ta' 900 mm, b'għoli sigur u adattat għar-resident;

2.13.2 lożor u mħadda;

2.13.3 bażer biex jissejjaħ/tissejjaħ infermier/a jew ekwivalenti għal kull resident;

2.13.4 kxaxen (wieħed (1) li jissakkar skont Standard 1) u spazju magħluq fejn jiddendlu l-ħwejjeġ;

2.13.5 dawl tas-saqaf u dawl viċin is-sodda aċċessibbli;

2.13.6 mill-inqas żewġ (2) sokits doppji tad-dawl aċċessibbli;

2.13.7 punti ta' aċċess għas-sokits tat-televixin, telefown u internet;

2.13.8 mejda u tavolina; il-mejda għandha tkun aċċessibbli għal persuni li jużaw siġġu tar-roti;

2.13.9 pultruna waħda (1) komda għal kull resident;

2.13.10 purtieri jew blinds; u

2.13.11 mera.

9 L-imwejjed aċċessibbli għal persuni li jużaw siġġu tar-roti u s-siġġijiet/pultruni komdi mhumiex meħtieġa fil-kmamar tas-sodda kemm-il darba jkun hemm żona li tipprovdi mwejjed aċċessibbli għal persuni li jużaw siġġu tar-roti u siġġijiet/pultruni komdi għar-residenti f'kull sular.

2.14 Il-kmamar tas-sodda kollha għandu jkollhom xawers u tojlits ensuite aċċessibbli, sakemm is-sigurezza tar-residenti ma tkunx kompromessa.

2.15 Il-kmamar kollha tar-residenti, inklużi l-kmamar tal-banju, għandu jkollhom madum li ma jiżloqx jew ekwivalenti, u għandhom ikunu mgħammra b'għajnuniet ta' sigurtà bħal grab rails u siġġijiet tad-doċċa.

2.16 Sistemi ta' sejħiet għall-assistenza b'faċilità ta' allarm aċċessibbli għandhom ikunu pprovduti f'kull kamra, inklużi l-kmamar tal-banju. Il-faċilità ta' allarm fil-kamra tal-banju għandha tkun f'għoli li jintlaħaq faċilment mill-art u aċċessibbli minn kull angolu tal-kamra f'każ li l-persuna anzjana taqa' mal-art.

2.17 Id-dimensjonijiet u t-tqassim tal-kamra għandhom jassiguraw li hemm biżżejjed spazju fuq kull naħa tas-sodda, li jippermetti aċċess għall-istaff u għall-għajnuniet meħtieġa li jkunu se jintużaw.

2.18 Id-dar ta' kura residenzjali għandha tipprovdi alloġġ għal kull resident li jkun mgħammar b'mod li jassigura l-kumdità u l-privatezza u li jaqdi l-ħtiġijiet evalwati tar-resident.

2.19 Il-bibien tal-alloġġ privat tar-residenti għandhom ikunu mgħammra b'serraturi adattati għall-kapaċitajiet tagħhom u jkunu aċċessibbli għall-istaff f'każ ta' emerġenza. Emerġenzi ta' dan it-tip għandhom jiġu ddokumentati.

2.20 Kull resident għandu jingħata ċavetta tal-kamra sakemm il-valutazzjoni tar-riskju li tkun saritlu ma tindikax mod ieħor.

2.21 Għandhom jiġi pprovduti paraventi fi kmamar kondiviżi sabiex tiġi assigurata l-privatezza.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 3

**3.0 Indikatur ta' Kwalità 3:** Il-provditur tas-servizz għandu jinkoraġġixxi lir-residenti biex iżommu l-ogħla livell possibbli ta' indipendenza.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

3.1 Għandha ssir evalwazzjoni tal-binja u tal-faċilitajiet minn fiżjoterapista u terapista okkupazzjonali kwalifikati kif xieraq u b'għarfien speċjalizzat tal-gruppi tar-residenti fil-mira, u għandha tingħata prova li ġie pprovdut it-tagħmir rakkomandat. Għandhom isiru adattamenti ambjentali ulterjuri u jiġu installati għajnuniet (bħal paranki u tojlits u banjijiet assistiti) biex jaqdu l-ħtiġijiet ivvalutati tar-residenti.

3.2 Għandhom jiġu pprovduti faċilitajiet, inklużi sinjali u apparat ta' komunikazzjoni li jissodisfaw il-ħtiġijiet tar-residenti kollha, filwaqt li jiġu meqjusa fost oħrajn il-bżonnijiet ta' dawk il-persuni bi problemi ta' smigħ, problemi ta' viżta, indeboliment sensorju doppju, diffikultajiet fit-tagħlim, dimenzja jew xi indeboliment konjittiv ieħor, fejn ikun hemm bżonn. Għandu jinkiseb il-parir ta' terapista okkupazzjonali u/jew patologu tad-diskors u tal-lingwa, jew ta' kwalunkwe professjonist ieħor relevanti, u r-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu implimentati.

3.3 Għandhom jiġu pprovduti postijiet għall-ħżin ta' tagħmir u għajnuniet, inklużi siġġijiet tar-roti.

# STANDARD 6:

# IL-PROVVISTA TAS-SERVIZZ

## STQARRIJA TAL-ISTANDARD:

Dan l-iStandard jippromwovi drittijiet li jassiguraw li t-tranżizzjoni tar-residenti għad-dar ta' kura residenzjali tkun iffaċilitata billi jirċievu informazzjoni minn qabel u mal-aċċess relatat mal-provvista tas-servizzi, kif ukoll l-identifikazzjoni ta' servizzi alternattivi, sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet tar-residenti.

## INDIKATURI TA' KWALITÀ:

1. Il-provditur tas-servizz għandu jipprovdi lir-residenti b'opportunitajiet biex ikunu f'kuntatt mal-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali u għandu jżomm lill-istess Awtorità infurmata kull meta jsir xogħol ta' tisbiħ fid-dar ta' kura residenzjali. Is-servizzi fid-dar ta' kura residenzjali għandhom jiġu pprovduti biex jaqdu l-ħtiġijiet ivvalutati tar-residenti mal-ammissjoni tagħhom u meta dawn il-ħtiġijiet jinbidlu.
2. Il-provditur tas-servizz għandu jiffaċilita kemm jista' jkun it-tranżizzjoni ta' persuni anzjani li jkunu se jibdew jgħixu fid-dar ta' kura residenzjali u jassigura li f'każ ta' emerġenza jew f'każ li s-servizz jintemm, ikun hemm pjanijiet alternattivi biex ir-residenti jiġu rilokati.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 1

**1.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jipprovdi lir-residenti b'opportunitajiet biex ikunu f'kuntatt mal-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali u għandu jżomm lill-istess Awtorità infurmata kull meta jsir xogħol ta' tisbiħ fid-dar ta' kura residenzjali. Is-servizzi fid-dar ta' kura residenzjali għandhom jiġu pprovduti biex jaqdu l-ħtiġijiet ivvalutati tar-residenti mal-ammissjoni tagħhom u meta dawn il-ħtiġijiet jinbidlu.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

1.1 Ir-residenti għandu jkollhom il-possibbiltà li jipparteċipaw fi spezzjonijiet li jsiru mill-Awtorità.

1.2 Il-maniġment għandu jipprovdi lir-residenti, lill-qraba tagħhom, u lir-rappreżentanti maħtura legalment b'informazzjoni bil-miktub u online, bil-Malti u bl-Ingliż, dwar kif jista' jsir kuntatt mal-Awtorità.

1.3 F'każ li jkun qed isir xogħol ta' titjib jew xogħol ta' tisbiħ fid-dar ta' kura residenzjali, l-Awtorità għandha tiġi infurmata b'effett immedjat, b'konsultazzjoni ma' professjonisti oħra, inkluż it-tim ta' kura interdixxiplinarju, sabiex isiru l-valutazzjonijiet tar-riskji meħtieġa qabel jibda x-xogħol.

1.4 Il-maniġment għandu jorganizza b'mod regolari programmi dwar il-benesseri mentali, fiżiku u emozzjonali skont il-ħtiġijiet tar-residenti.

1.5 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li r-residenti għandhom aċċess għall-internet, telefown u televixin fir-residenza kollha, li huma bla ħlas.

1.6 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li jkun hemm trasport aċċessibbli għal ħarġiet u appuntamenti għad-dispożizzjoni tar-residenti.

1.7 Il-maniġment għandu jassigura li r-residenti jiġu offruti s-servizzi speċjalizzati kollha u jekk dawn ma jkunux disponibbli, ir-residenti għandhom jingħataw appoġġ biex jagħmlu arranġamenti alternattivi.

1.8 Is-servizzi speċjalizzati kollha offruti (li jinkludu, imma mhumiex limitati għal, servizzi għal persuni li jgħixu bid-dimenzja jew b'diżabbiltà konjittiva oħra, b'indeboliment tas-sensi, b'diżabbiltà fiżika, kura intermedja jew tal-mistrieħ) għandhom ikunu bbażati b'mod evidenti fuq il-prattika tajba attwali u jirriflettu l-gwida speċjalizzata u klinika relevanti.

1.9 L-istaff, b'mod individwali u kollettiv, għandu jkollu l-ħiliet u l-esperjenza biex iwassal is-servizzi u l-kura li d-dar ta' kura residenzjali toffri li tipprovdi.

1.10 Il-provditur tas-servizz għandu jkun responsabbli għall-forniment tat-tagħmir bażiku kollu meħtieġ mir-residenti skont il-ħtiġijiet ivvalutati tagħhom. Dan it-tagħmir għandu jinkludi, imma mhux limitat għal, siġġijiet tar-roti konvenzjonali jew bariatric, paranki, sodod bl-għoli aġġustabbli, saqqijiet u mħaded li jserrħu mill-ġrieħi tas-sodda għar-residenti kollha li jkunu jeħtiġuhom.

1.11 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li kwalunkwe xogħol li jiġi esternalizzat ikun kopert b'kuntratt li jistipula b'mod ċar il-kwalità tas-servizz li s-sottokuntrattur huwa mistenni li jipprovdi filwaqt li jassigura li r-rekwiżiti ta' dan l-iStandard jinżammu dejjem anke meta s-servizzi jiġu pprovduti minn aġenzija esterna.

1.12 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassistu lir-residenti biex jakkwistaw affarijiet bażiċi għall-bżonnijiet tagħhom ta' kuljum.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 2

**2.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jiffaċilita kemm jista' jkun it-tranżizzjoni ta' persuni anzjani li jkunu se jibdew jgħixu fid-dar ta' kura residenzjali u jassigura li f'każ ta' emerġenza jew f'każ li s-servizz jintemm, ikun hemm pjanijiet alternattivi biex ir-residenti jiġu rilokati.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

2.1 Il-maniġment għandu jagħti lir-residenti perjodu ta' prova ta' mhux inqas minn xahar qabel ma jibdew jgħixu fid-dar ta' kura residenzjali fuq bażi permanenti, bid-dati miftiehma minn qabel.

2.2 Il-maniġment għandu jassigura li l-ammissjonijiet mhux ippjanati jiġu evitati fejn possibbli u għandhom iseħħu biss f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

2.3 Il-maniġment għandu jassigura li meta sseħħ xi ammissjoni ta' emerġenza fid-dar ta' kura residenzjali, ir-resident, il-qraba u r-rappreżentanti maħtura legalment jiġu infurmati fi żmien tmienja u erbgħin (48) siegħa dwar il-karatteristiċi ewlenin, is-servizzi disponibbli u r-regoli u l-proċeduri ta' rutina fir-residenza, u l-ispejjeż relatati mal-użu tas-servizz (ara Annessi VIII u IX).

2.4 Ir-residenti prospettivi għandhom jingħataw l-opportunità li jżuru r-residenza b'mod ippjanat mill-inqas darba biex jivvalutaw il-kwalità, il-faċilitajiet u l-adegwatezza tad-dar ta' kura residenzjali. Waqt din iż-żjara, ir-resident prospettiv jista' jkun akkumpanjat minn persuni li jafda.

2.5 Kull resident għandu jiġi pprovdut bi ftehim tas-servizz bil-miktub mad-dar ta' kura residenzjali, bid-dettalji tat-termini u l-kundizzjonijiet meta jidħol fir-residenza. Kwalunkwe emenda jew bidla fil-ftehim tas-servizz għandha tiġi ddokumentata u ssir bil-kunsens tal-partijiet kollha.

2.6 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li hemm pjan ta' kontinġenza fl-eventwalità ta' emerġenza medika jew mard epidemiku fid-dar ta' kura residenzjali.

2.7 Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li hemm pjan ta' kontinġenza fl-eventwalità li r-residenza tagħlaq, b'mod temporanju jew b'mod permanenti. Il-pjan ta' kontinġenza għandu jinkludi servizzi ta' trasport għar-residenti biex imorru f'akkomodazzjoni alternattiva, assistenza lir-residenti biex jieħdu l-affarijiet tagħhom fl-akkomodazzjoni l-ġdida, kif ukoll il-kura soċjali neċessarja għar-residenti biex jegħlbu din il-bidla.

2.8 Il-maniġment għandu jinforma lill-istaff dwar kwalunkwe pjan ta' kontinġenza bil-miktub.

2.9 Il-maniġment għandu jassigura li jekk resident ikollu bżonn jiġi rilokat, kull informazzjoni relevanti għandha tiġi mgħoddija lid-dar ta' kura residenzjali l-ġdida.

2.10 Il-maniġment għandu jassigura li jekk resident ikollu bżonn jiġi rilokat minħabba l-għeluq tar-residenza, l-ispejjeż relatati mar-rilokazzjoni għandhom jitħallsu mill-provditur tas-servizz.

# STANDARD 7:

# IMMANIĠĠJAR TA' KWALITÀ

## STQARRIJA TAL-ISTANDARD:

Dan l-iStandard jippromwovi drittijiet li jassiguraw ir-responsabbiltà tal-provditur tas-servizz sabiex joffri servizz ta' kwalità u appoġġ ibbażat fuq titjib kontinwu bl-aktar mod rispettuż u trasparenti.

## INDIKATURI TA' KWALITÀ:

1. Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li d-dar ta' kura residenzjali tkun immexxija minn persuna kompetenti, li jkollha kondotta xierqa u li tkun kapaċi tieħu r-responsabbiltajiet tagħha bis-sħiħ.
2. Il-provditur tas-servizz għandu jimplimenta strateġiji ta' reklutaġġ trasparenti u jippjana għall-iżvilupp kontinwu tal-istaff u jassigura li l-istaff huwa ssorveljat u mħarreġ b'mod adegwat u xieraq fuq bażi regolari.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 1

**1.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jassigura li d-dar ta' kura residenzjali tkun immexxija minn persuna kompetenti, li jkollha kondotta xierqa u li tkun kapaċi tieħu r-responsabbiltajiet tagħha bis-sħiħ.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

1.1 Il-maniġer tad-dar ta' kura residenzjali għandu jkollu mill-inqas sentejn esperjenza f'xogħol ta' maniġment relatat mal-kura ġerjatrika.

1.2 Il-maniġer tad-dar ta' kura residenzjali għandu jkollu mill-inqas kwalifika f'livell ta' Masters fil-maniġment, u/jew fix-xjenzi relatati mas-saħħa u/jew il-ġerjatrija.

1.3 Il-maniġer tad-dar ta' kura residenzjali għandu jkun responsabbli għal mhux aktar minn stabbiliment wieħed (1) li hu reġistrat.

1.4 Il-maniġer tad-dar ta' kura residenzjali għandu juri li jkun ħa taħriġ perjodiku bħala parti minn żvilupp professjonali kontinwu bħall-ġerjatrija, u taħriġ fil-kura għal persuni anzjani, sabiex jaġġorna l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi, filwaqt li jmexxi r-residenza.

1.5 Il-maniġment għandu jkollu kuntatt dirett u frekwenti mar-residenti, mill-inqas kull xahar.

1.6 Il-maniġment u l-istaff għandhom ifasslu pjan ta' żvilupp annwali għad-dar ta' kura residenzjali li jiġi rivedut fuq bażi trimestrali.

1.7 Il-maniġment għandu jassigura li jsir awditjar intern kull sena.

1.8 Il-maniġment għandu jassigura li r-riżultati tal-istħarriġ u ta' kwalunkwe awditjar jiġu ppubblikati u jkunu għad-dispożizzjoni tar-residenti attwali u prospettivi, il-qraba tagħhom u r-rappreżentanti maħtura legalment u partijiet interessati oħra, inklużi l-Awtorità u entitajiet oħra relevanti.

1.9 Il-maniġment u l-istaff għandhom jinfurmaw lir-residenti dwar spezzjonijiet ippjanati mill-Awtorità u għandhom jingħataw aċċess biex jitkellmu mal-Assessuri. L-opinjonijiet tar-residenti, tal-qraba tagħhom u tar-rappreżentanti maħtura legalment għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-Assessuri biex jiġu inklużi fir-rapporti tal-ispezzjonijiet tagħhom. Il-kunfidenzjalità u l-anonimità għandhom jinżammu kull meta jkunu mitluba.

1.10 Il-maniġment għandu jassigura li l-politiki, il-proċeduri, u l-prattiki jiġu riveduti regolarment fid-dawl ta' bidliet fil-liġi u avviżi dwar prattiki tajbin.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 2

**2.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għandu jimplimenta strateġiji ta' reklutaġġ trasparenti u jippjana għall-iżvilupp kontinwu tal-istaff u jassigura li l-istaff huwa ssorveljat u mħarreġ b'mod adegwat u xieraq fuq bażi regolari.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz jassigura li:

2.1 Id-dar ta' kura residenzjali għandu jkollha manwal ta' proċeduri li jiddeskrivi l-operazzjonijiet tal-faċilità u jiddefinixxi wkoll kif l-istaff għandu jinteraġixxi mar-residenti (ara Anness X). Dan il-manwal għandu jiġi rivedut u aġġornat b'mod regolari kif meħtieġ u f'konformità ma' kwalunkwe tibdil fl-istandards applikabbli. Il-manwal għandu jkun aċċessibbli għal dawk li jitolbuh, skont il-politika tal-maniġment.

2.2 Għandha tiġi implimentata sistema ta' titjib ta' kwalità bbażata fuq l-evalwazzjoni tas-servizzi tad-dar ta' kura residenzjali u l-feedback tar-residenti.

2.3 Il-maniġment għandu jassigura li l-istaff kollu jingħata taħriġ formali dwar il-kura bażika u l-appoġġ għal persuni anzjani (ara Anness XI).

2.4 Il-maniġment għandu jassigura li l-istaff li jaħdem mill-qrib u li jagħti appoġġ lil persuni anzjani, bħall-infermiera u l-carers, jingħata taħriġ avvanzat fil-kura u l-appoġġ għal persuni anzjani (ara Anness XI).

2.5 Il-provditur tas-servizz għandu juża proċedura ta' reklutaġġ intensiva, iddokumentata u trasparenti u għandu jassigura l-protezzjoni tar-residenti f'kull ħin.

2.6 Il-carers kollha għandu jkollhom it-taħriġ applikabbli kif rikjest mill-Awtorità, iżda mill-inqas il-Livell 3 tal-MQF fil-Kura.

2.7 L-infermiera reklutati għandhom ikunu reġistrati mal-Kunsill tal-Infermiera u l-Qwiebel.

2.8 L-istaff li l-irwol tiegħu jirrikjedi kwalifiki professjonali, reġistrazzjoni, ċertifikazzjoni jew liċenzjar għandu jkollu wkoll dawn il-kredenzjali vverifikati mill-maniġment qabel ma jiġi impjegat.

2.9 L-istaff kollu involut fil-preparazzjoni u/jew fl-immaniġġjar tal-ikel għandu jkollu akkreditazzjoni valida fl-immaniġġjar tal-ikel.

2.10 Il-maniġment għandu jagħżel u jassenja staff għal kompiti speċifiċi wara proċess ta' reklutaġġ intensiv li jinkludi:

2.10.1 verifika tal-identità;

2.10.2 verifika tal-kwalifiki, li tinkludi l-konfermazzjoni tal-livelli MQRIC mal-entitajiet relevanti; u

2.10.3 reġistrazzjoni f'reġistri professjonali, fejn applikabbli.

2.11 Il-maniġment għandu jassigura li l-istaff jiġi impjegat f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta u prattiki stabbiliti mill-korpi professjonali rispettivi, fejn applikabbli.

2.12 Il-maniġment għandu jassigura li l-impjegati prospettivi jippreżentaw ċertifikat ta' kondotta nadifa minn kull pajjiż li jkunu għexu fih fl-aħħar għaxar (10) snin, u jkun jinkludi traduzzjoni ċċertifikata jekk id-dokument ma jiġix ppreżentat bl-Ingliż. Iċ-ċertifikati tal-kondotta għandhom jiġu aġġornati fuq bażi annwali.

2.13 Il-maniġment għandu jassigura li l-istaff isegwi d-deskrizzjoni tal-impjieg tiegħu u ma jagħmilx xogħol li mhuwiex fil-kompetenza jew fil-limiti tal-irwol tiegħu.

2.14 L-istaff kollu għandu jilbes it-tag tal-identifikazzjoni maħruġa mill-provditur tas-servizz f'kull ħin.

2.15 Il-maniġment għandu jassigura li membri ġodda tal-istaff jingħataw taħriġ ta' introduzzjoni u opportunitajiet ta' job shadowing fit-taħriġ formali relatat mal-kura bażika u l-appoġġ għal persuni anzjani (ara Anness XI).

2.16 L-istaff kollu għandu jingħata taħriġ formali ddokumentat skont l-irwol tiegħu li jinkludi, imma mhux limitat għal, taħriġ dwar l-immaniġġjar u t-trasport, taħriġ fl-ewwel għajnuna, u taħriġ dwar nirien u sigurtà fi żmien l-ewwel sitt (6) xhur mill-ħatra, li jagħtih il-ħiliet biex ikun jista' jwieġeb għall-ħtiġijiet evalwati tar-residenti kollha kif definit fil-pjan ta' kura personali tagħhom.

2.17 Il-maniġment għandu jassigura li l-istaff ikun issorveljat b'mod xieraq fuq bażi kontinwa.

2.18 Il-maniġment għandu jassigura li l-politiki implimentati huma konformi ma' dawn l-iStandards.

2.19 Il-maniġment għandu jassigura li l-proċess tar-reklutaġġ u s-selezzjoni tal-voluntiera involuti fid-dar ta' kura residenzjali jsir bir-reqqa u jinkludi verifiki mill-Pulizija.

2.20 Il-maniġment għandu jassigura li l-voluntiera għandhom kwalitajiet, valuri u attitudnijiet tajbin biex jaħdmu ma' persuni li jużaw is-servizz, bħal kwalunwke staff ieħor li jitħallas.

2.21 Il-maniġment għandu jassigura li n-numru u l-ħiliet tal-istaff magħmul minn taħlita ta' staff ikkwalifikat u support staff għandhom ikunu adattati għall-ħtiġijiet evalwati tar-residenti kollha, għad-daqs, għat-tqassim, u l-iskop tad-dar ta' kura residenzjali.

2.22 Il-proporzjon tal-istaff imqabbel mar-residenti għandu jiġi ddeterminat skont il-ħtiġijiet evalwati tar-residenti, u skont il-livell ta' dipendenza u l-kura meħtieġa tar-resident f'konformità mal-Indiċi Barthel 100 u kwalunkwe metodu ieħor ta' assessjar relevanti biex jiġu identifikati b'mod xieraq il-livelli ta' staff xierqa.

2.23 Il-livell minimu ta' nursing/kura għal residenti li għandhom livell baxx sa medju ta' dipendenza, m'għandux ikun inqas minn total ta' 2.38 siegħa ta' nursing/kura għal kull resident kuljum b'mill-inqas 0.38 sigħat ta' superviżjoni minn infermier/a għal kull resident kuljum.

2.24 Il-livell minimu ta' nursing/kura għal residenti li għandhom dipendenza għolja jew li għandhom bżonn livelli ta' kura speċjalizzata għad-dimenzja, m'għandux ikun inqas minn total ta' 2.85 siegħa ta' nursing/kura għal kull resident kuljum b'mill-inqas 0.45 sigħat ta' superviżjoni minn infermier/a għal kull resident kuljum.

2.25 Mal-ammissjoni u wara kull tibdil fid-dipendenza ta' kwalunkwe resident, il-proporzjon tal-istaff mar-residenti għandu jiġi modifikat skont kif iddeterminat mill-Indiċi Barthel 100.

2.26 It-taħlita ta' ħiliet tal-infermiera mqabbla mal-istaff tal-kura għandha wkoll tiġi ggwidata mill-Indiċi Barthel 100 bir-rekwiżit addizzjonali minimu li jkun hemm mill-inqas infermier/a wieħed/waħda (1) kwalifikati u reġistrati f'kull xift.

2.27 Għandu jkun hemm staff addizzjonali fil-ħinijiet tal-ikbar attività matul il-ġurnata.

2.28 Għandu jkun hemm staff ta' viġilanza billejl fi kwantità li tirrifletti n-numru u l-ħtiġijiet tar-residenti u t-tqassim tad-dar ta' kura residenzjali. Fid-djar ta' kura residenzjali li jipprovdu n-nursing għandu jkun hemm infermiera reġistrati.

2.29 Il-maniġment għandu jassigura li jinżamm rekord tar-roster tal-istaff li juri l-istaff preżenti f'kull ħin, lejl u nhar, kif ukoll il-kariga tiegħu.

2.30 Il-maniġment għandu jassigura li r-rosters tal-istaff jinkludu dejjem taħlita ta' staff li huwa kapaċi jikkomunika kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

# ANNESS I:
# INFORMAZZJONI GĦAL RESIDENTI PROSPETTIVI DWAR ID-DRITTIJIET U R-RESPONSABBILTAJIET FL-UŻU TAS-SERVIZZ

Il-maniġment għandu jagħti lir-residenti prospettivi dokument dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet għall-użu tas-servizz. Il-maniġment għandu jispjega l-kontenut ta' dan id-dokument lir-residenti verbalment u jħallih disponibbli għar-residenti f'format li hu aċċessibbli għalihom. L-informazzjoni f'dan id-dokument għandha tinkludi, imma mhix limitata għal li ġej:

1. Id-drittijiet, l-obbligi u r-responsabbiltajiet ġenerali tar-residenti, tal-familja tar-resident u/jew tal-eqreb persuna għar-resident.
2. Id-dritt tar-residenti li jkunu infurmati mill-ewwel jekk id-dar ta' kura residenzjali, jew parti mid-dar ta' kura residenzjali, tkun se tagħlaq minħabba xi emerġenza.
3. Id-dritt tar-residenti li jkunu infurmati mill-inqas sitt (6) xhur qabel l-għeluq ippjanat tad-dar ta' kura residenzjali jekk l-għeluq jeċċedi l-ħamest (5) ijiem.
4. Regolamenti dwar l-aċċess tar-residenti fir-residenza, fl-attivitajiet, mal-istaff, u mal-maniġment.
5. Regolamenti dwar il-parteċipazzjoni tar-residenti fl-attivitajiet u fil-ħajja ta' kuljum.
6. Regolamenti u konsegwenzi għal imġiba inaċċettabbli mir-residenti (imġiba li tirrelata ma' diżabbiltà/kundizzjoni medika tar-residenti mhix ikkunsidrata bħala "inaċċettabbli" sakemm ma tpoġġix lir-residenti jew persuni oħra f'riskju).
7. Ir-rispett lejn id-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-istaff u tar-residenti l-oħra fid-dar ta' kura residenzjali.
8. Ir-rispett lejn l-interessi ġenerali tal-komunità tad-dar ta' kura residenzjali.

9. Ir-rappurtar ta' informazzjoni lill-awtoritajiet relevanti dwar sitwazzjonijiet ta' abbuż, trattament ħażin jew nuqqas ta' attenzjoni, kemm jekk esperjenzati jew osservati.
10. Id-dritt għall-informazzjoni dwar jekk hemmx annimali fid-dar ta' kura residenzjali.
11. Id-dritt għall-informazzjoni dwar jekk jistgħux jinżammu annimali u x'tip ta' annimali jistgħu jinżammu (kelb gwida huwa permess dejjem) kif ukoll ir-responsabbiltajiet tar-residenti f'dan ir-rigward.

# ANNESS II:
# IR-RESPONSABBILTAJIET TAL-QRABA/ EQREB PERSUNA GĦAR-RESIDENT JEW TAR-RAPPREŻENTANT MAĦTUR LEGALMENT

1. Li jibqgħu preżenti fil-ħajja tal-persuni anzjani, iżommu kuntatt frekwenti filwaqt li jattendu għall-ħtiġijiet tagħhom.
2. Li jħeġġu lill-persuna anzjana biex iżżur il-komunità u tattendi għall-avvenimenti soċjali u tipparteċipa fl-attivitajiet.
3. Li kultant joħorġu lill-persuna anzjana mid-dar ta' kura residenzjali.
4. Li jikkonsultaw mal-maniġment tad-dar ta' kura residenzjali u jiċċekkjaw dwar il-benesseri tar-residenti b'mod frekwenti.
5. Li jħeġġu lill-persuna anzjana tuża t-teknoloġija moderna inkluż apparat mobbli bħal, imma mhux limitat għal, mowbajls u tablets.
6. Li jkunu responsabbli biex iġibu l-affarijiet personali tar-resident.

## ANNESS III:
# TIM TA' KURA INTERDIXXIPLINARJU

It-tim ta' kura interdixxiplinarju għandu jinkludi, imma mhux limitat għal, dawn il-membri minn dixxiplini differenti:

- Maniġer tal-attivitajiet
- Staff tal-kura
- Chaplain
- Kiropratiku
- Dentist/a
- Espert/a tad-dieta
- Qraba/Rappreżentanti maħtura legalment
- Ġerjatra
- Terapista okkupazzjonali
- Fiżjoterapista
- Podjatra
- Psikologu/a
- Infermier/a
- Maniġer tad-Dar ta' Kura Residenzjali
- Ħaddiem/a soċjali
- Patologu tad-diskors u tal-lingwa

# ANNESS IV:
# PORTAFOLL PERSONALIZZAT

## IL-PORTAFOLL TIEGĦI

Ritratt

Jisimni:

Nixtieq niġi msejjaħ/imsejħa:

Id-data tat-twelid tiegħi:

Persuni li huma importanti għalija:

L-isfond, il-ħiliet u l-interessi tiegħi:

Inħobb:

Ma nħobbx:

Ħjiel dwar kif għandek titkellem miegħi:

Il-kura essenzjali u l-appoġġ li għandi bżonn:

## SIGURTÀ

Oqsma b'livell għoli ta' riskju għalija:

X'għandek tagħmel biex tipproteġini:

## ABBILTÀ KONJITTIVA

Kif l-età affettwat il-ħsieb u l-għemil tiegħi:

X'għadni nista' nagħmel:

Xi nsib diffiċli:

Kif tista' tgħinni fl-affarijiet li għadni nista' nagħmel u tappoġġjani fl-affarijiet li nsib diffiċli:

## BIJOGRAFIJA

X'għandek tkun taf dwar il-passat tiegħi:

Kif il-passat tiegħi jaffettwa l-mod ta' kif jien illum:

Kif tista' tgħinni nagħmel l-aħjar użu mill-passat tiegħi u negħleb kwalunkwe diffikultà li dan jikkawżali:

X'għandek tkun taf dwar il-kultura tiegħi:

Kif tista' tgħinni nippreserva l-identità kulturali tiegħi:

X'għandek tkun taf dwar l-użu tal-lingwa tiegħi:

## PERSONALITÀ

Il-karattru jew id-dispożizzjoni tiegħi:

Kif nirreaġixxi għal diffikultajiet jew sitwazzjonijiet ġodda:

Xi jdejjaqni jew jinkwetani:

Kif tista' tappoġġjani biex inkun pożittiv/a u tgħinni meta jkolli d-dwejjaq jew meta ninqata' għalija waħdi:

## SAĦĦA FIŻIKA

X'għadni nista' nagħmel għalija nnifsi:

Xi nsib diffiċli:

Kif tista' tgħin fis-saħħa fiżika tiegħi:

## SAĦĦA FIŻIKA: IKEL U XORB

L-affarijiet li jogħġbuni:

L-affarijiet li ma jogħġbunix:

Kif u fejn nippreferi niekol:

Dawn huma l-affarijiet li għandu jkolli:

Kif tista' tgħinni biex niekol u nixrob:

## INDEBOLIMENT TAS-SENSI

Is-sensi li għadni nista' nħaddem b'mod tajjeb huma:

Xi nsib diffiċli:

Kif tista' tgħinni biex nagħmel l-aħjar użu mis-sensi tiegħi:

## SPIRITWALITÀ

Dan huwa t-twemmin tiegħi, li huwa importanti għalija:

Kif tista' tgħinni biex insostni t-twemmin tiegħi:

## OKKUPAZZJONI

Dak li nieħu gost nagħmel:

Tista' tgħinni nagħmel dan billi:

## DIVERTIMENT

Dak li nieħu pjaċir bih:

L-affarijiet li ma niħux pjaċir bihom:

## AMBJENT

L-ambjent l-aktar adattat għalija huwa:

Dawn huma l-isfidi li għandi:

Kif tista' tgħinni nagħmel l-aħjar użu mill-ambjent ta' madwari:

## FAMILJA, ĦBIEB U KOMUNITÀ

Persuni u organizzazzjonijiet li huma importanti għalija:

Kif tista’ tgħinni nżomm dawn ir-relazzjonijiet:

Kif tista’ tgħinhom iżommu relazzjoni miegħi:

## PERSUNI OĦRA

Kif inħobb inkun mal-oħrajn u kif inħobb li l-oħrajn ikunu miegħi:

Kif tista’ tgħinni nżomm ir-relazzjonijiet:

# L-ISTORJA TAD-DOKUMENT

Komplut minn: Data:
Rivedut l-aħħar minn: Data:

Informazzjoni pprovduta minn (jekk jogħġbok agħżel)

- ☐ persuna
- ☐ qarib/qariba
- ☐ aġenziji
- ☐ oħrajn
- ☐ osservazzjoni

Isem u firma tal-maniġer tad-dar ta' kura residenzjali:

Isem u firma tar-resident/tar-rappreżentant maħtur legalment:

Isem u firma tal-qraba:

Data:

# ANNESS V:
# REKORD TAL-PJAN TA' KURA PERSONALI U PORTAFOLL PERSONALIZZAT

Il-maniġment għandu jassigura li l-pjan ta' kura personali huwa ddokumentat u jinkludi, imma mhux limitat għall-informazzjoni li ġejja:

1. L-ismijiet tal-membri tat-tim interdixxiplinarju li huma assenjati mar-residenti biex jgħinuhom fl-iżvilupp tal-pjan ta' kura personali tagħhom.
2. Nota fuq kif jixtieq jiġi msejjaħ ir-resident.
3. Id-dettalji tar-rappreżentant maħtur legalment biex jirrappreżenta lir-resident u/jew jieħu deċiżjonijiet f'ismu u/jew biex jinżamm infurmat dwar is-servizzi li qed jintużaw u jkun ikkuntattjat f'każijiet ta' emerġenza.
4. Noti fuq informazzjoni u deċiżjonijiet miftiehma mill-partijiet involuti.
5. Rapport dwar il-valutazzjoni tal-indipendenza tar-resident f'attivitajiet varji.
6. Rapport dwar il-valutazzjoni tas-saħħa u l-limitazzjonijiet tar-resident.
7. Rapport dwar il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet individwali tar-resident.
8. Il-pjan ta' kura personali għandu jinkludi dettalji dwar:

   8.1 il-kura bażika u l-assistenza fl-attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum;

   8.2 l-għanijiet terapewtiċi kif indikati mit-tim interdixxiplinarju; u

   8.3 kura aktar speċjalizzata minn infermiera u kura medika li hi meħtieġa.
9. Informazzjoni dwar l-istorja personali, soċjali, u medika tar-resident.

# ANNESS VI:
# PROĊEDURA TA' ERBA' STADJI BIEX JIĠU INDIRIZZATI L-ĦTIĠIJIET LI JINBIDLU TAR-RESIDENTI

L-ewwel stadju: L-istaff, il-qraba jew ir-rappreżentanti maħtura legalment josservaw bidliet fil-ħtiġijiet tar-resident u jinfurmaw lill-maniġment

↓

It-tieni stadju: Il-maniġment għandu jinforma lit-tim interdixxiplinarju u lit-tabib tar-residenza b'dawn l-osservazzjonijiet.

↓

It-tielet stadju: It-tabib tar-residenza għandu janalizza u jikkonferma, jew mod ieħor, l-osservazzjonijiet li jkunu saru.

↓

Ir-raba' stadju: Il-maniġment għandu jassigura li jinkiseb it-trattament xieraq u li jiġu pprovduti l-medikazzjoni u/jew l-għajnuniet meħtieġa.

# ANNESS VII:
# MIŻURI TA' SAĦĦA U SIGURTÀ

Is-saħħa u s-sigurtà tar-residenti u l-istaff għandhom jiġu assigurati billi jittieħdu miżuri li jinkludu, imma mhumiex limitati għal:

- ħżin u rimi sigur ta' sustanzi perikolużi;
- manutenzjoni regolari tal-bojlers, tat-tankijiet tal-ilma, tas-sistemi tal-ħżin tal-gass u tal-arja kundizzjonata minn persuni kompetenti u approvata minn inġinier iċċertifikat;
- manutenzjoni regolari tas-sistemi tal-lifts skont il-kuntratt magħmul mal-persuni kompetenti u approvata minn persuna kompetenti;
- manutenzjoni tas-sistemi elettriċi u tal-apparat elettriku u approvata minn persuna kompetenti;
- installazzjoni, ittestjar u manutenzjoni tas-servizzi li jipprovdu u jwasslu l-ilma f'konformità mal-leġiżlazzjoni lokali relevanti;
- prevenzjoni tar-riskju tal-Legionella;
- prevenzjoni tar-riskju ta' samtiet (ilma/superfiċji jaħarqu) (jiġifieri temperatura viċin it-tlieta u erbgħin (43)$^{0}$C);
- provvista u manutenzjoni tal-ilqugħ tat-twieqi, abbażi ta' valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u r-riskju tar-residenti;
- żamma ta' ambjent sigur inkluż l-apparat domestiku tal-kċina u l-magni tal-ħasil; turġien u passaġġi esterni; u tagħmir tal-ġnien;
- manutenzjoni tat-tagħmir għall-protezzjoni min-nirien;
- sigurtà tal-binja;

- sigurtà tar-residenti abbażi tal-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà tagħhom; u
- servizz ta' ġeneratur bi provvista elettrika mingħajr interruzzjoni għal perjodu ta' mhux inqas minn tmien (8) sigħat u li tkun suffiċjenti biex tipprovdi dawl, kontroll ambjentali u servizzi essenzjali mingħajr interruzzjoni.

# ANNESS VIII:
# INFORMAZZJONI GĦAL RESIDENTI PROSPETTIVI DWAR L-AMBJENT FIŻIKU U S-SERVIZZI OFFRUTI

Il-maniġment għandu jagħti lir-residenti prospettivi informazzjoni preċiża dwar l-ambjent fiżiku tad-dar ta' kura residenzjali kif ukoll is-servizzi offruti. L-informazzjoni għandha tinkludi, imma mhix limitata għal li ġej:

1. Il-lokalità fejn tinsab id-dar ta' kura residenzjali, x'jinsab madwar ir-residenza, l-istruttura fiżika u d-disinn tar-residenza.
2. Deskrizzjoni tal-faċilitajiet u l-ispazji komuni.
3. In-numru massimu ta' residenti li jistgħu jużaw is-servizzi tad-dar ta' kura residenzjali.
4. L-istqarrija tal-missjoni, l-għanijiet u l-valuri li jimxi magħhom dan is-servizz.
5. L-istruttura organizzattiva tad-dar ta' kura residenzjali.
6. Is-servizzi kollha li toffri d-dar ta' kura residenzjali.
7. Informazzjoni dwar il-vantaġġi, l-iżvantaġġi u l-isfidi li jista' jkollhom is-servizzi tad-dar ta' kura residenzjali.
8. Kif is-servizz tad-dar ta' kura residenzjali huwa adattat għal residenti li jeħtieġu bidla.
9. Attivitajiet li jistgħu jipparteċipaw fihom ir-residenti.
10. Avvenimenti lokali, faċilitajiet u attivitajiet li r-residenti jistgħu jieħdu sehem fihom.
11. Il-possibbiltà tar-residenti li jkunu assistiti biex ikellmu rappreżentant indipendenti jew professjonali ta' fiduċja.
12. Il-possibbiltà tar-residenti li jipparteċipaw fi spezzjonijiet li jsiru mill-Awtorità.

## ANNESS IX:
# INFORMAZZJONI GĦAL RESIDENTI PROSPETTIVI DWAR L-ISPEJJEŻ FINANZJARJI GĦALL-UŻU TAS-SERVIZZ

Il-maniġment għandu jagħti lir-residenti prospettivi dokument dwar l-ispejjeż finanzjarji għall-użu tas-servizz. Il-maniġment għandu jispjega l-kontenut ta' dan id-dokument lir-residenti verbalment u jħallih disponibbli għar-residenti f'format li hu aċċessibbli għalihom. L-informazzjoni f'dan id-dokument għandha tinkludi, imma mhix limitata għal li ġej:

1. Informazzjoni dwar il-ħlas bażiku u liema servizzi huma koperti f'dan il-ħlas.
2. Servizzi oħra li jistgħu jiġu mogħtija bi ħlas addizzjonali.
3. Meta u kif isir il-ħlas għal dawn is-servizzi.
4. Jekk jeżistux ċirkostanzi meta jingħataw il-flus lura.
5. X'arranġamenti jsiru jekk il-flus tar-resident jispiċċaw jew jekk ma jkunx hemm biżżejjed flus.
6. Id-dritt tar-residenti li jkunu infurmati mill-inqas xahrejn qabel jekk ikun hemm żieda jew varjazzjoni fil-ħlas jew xi bidliet fil-metodu tal-ħlas jew lil min irid isir il-ħlas.
7. Xi penali għal ħlas li jsir tard jew li ma jsirx (fejn applikabbli).

# ANNESS X:
# MANWAL TA' POLITIKI U PROĊEDURI

Il-maniġment għandu jiżviluppa politiki u proċeduri li jkopru l-oqsma kollha tas-servizz tad-dar ta' kura residenzjali. Din ta' hawn taħt hija lista mhux eżawrjenti ta' politiki u proċeduri li għandhom jiġu inklużi fil-manwal.

**1.0 Politiki u Proċeduri Operattivi**

1.1 Politika ta' kunfidenzjalità

1.2 Politika dwar il-protezzjoni tad-data:

- 1.2.1 Żamma tar-rekords u aċċess għar-rekords
- 1.2.2 Rapporti dwar inċidenti
- 1.2.3 Politika dwar iż-żamma tad-data

1.3 Dħul u eliġibbiltà

1.4 Dħul u terminazzjoni

1.5 Valutazzjoni inizjali u sussegwenti

1.6 Merħba lir-residenti ġodda

1.7 Pjan ta' kura personali:

- 1.7.1 Reviżjonijiet
- 1.7.2 Saħħa u benesseri

1.8 Kontroll tal-imġiba:

- 1.8.1 Immaniġġjar ta' mġiba diffiċli
- 1.8.2 Kura restrittiva

1.9 Allegazzjonijiet ta' abbuż fil-kura

1.10 Allegazzjonijiet ta' bbuljar fil-kura

1.11 Abbuż fuq l-istaff tar-residenza mir-residenti

1.12 Ugwaljanza u diversità

1.13 Proċedura dwar ilmenti u feedback

1.14 Kontroll għal għarrieda, CCTV u sorveljanza

1.15 Evalwazzjoni proprja tas-servizzi

1.16 Finanzi u mmaniġġjar ta' flus

1.17 Kontabbiltà għall-maniġment, l-istaff u l-provdituri tas-servizz

**2.0 Staff**

2.1 Imġiba professjonali tal-istaff fil-konfront tar-residenti, tal-viżitaturi u tal-impjegati l-oħra:

- 2.1.1 Linji gwida għal interazzjoni mar-residenti

2.2 Politika dwar sorveljanza

2.3 Grupp ta' sapport

2.4 Reklutaġġ:

2.4.1 Kuntratt tax-xogħol

2.4.2 Deskrizzjoni tal-impjieg

2.5 Evalwazzjoni tal-prestazzjoni

2.6 Taħriġ u pjanijiet ta' żvilupp

2.7 Laqgħat tal-istaff

2.8 Ilmenti mill-istaff

2.9 Politika dwar fastidju

2.10 Trasferiment ta' xogħol bejn il-ħaddiema

2.11 Proporzjon ta' staff

2.12 Żamma tad-dar

**3.0 Saħħa u Sigurtà**

3.1 Korrimenti

3.2 Amministrazzjoni tal-mediċina

3.3 Proċeduri dwar tqandil manwali

3.4 Evalwazzjoni u mmaniġġjar tar-riskji

3.5 Kontroll tal-infezzjonijiet

**4.0 Proċeduri f'Emerġenza**

4.1 L-Ewwel Għajnuna

4.2 Immaniġġjar tal-emerġenza u evakwazzjoni

4.3 Proċeduri dwar emerġenza f'każ ta' nirien

4.4 Emerġenza medika

**5.0 Proċeduri tar-Residenza**

5.1 Żoni komuni

5.2 Żoni għat-tipjip

5.3 Aċċessibbiltà għall-proprjetà personali

5.4 Telefowns ċellulari, l-internet u l-midja elettronika

5.5 Assenza mingħajr permess

5.6 Dħul u ħruġ mid-dar ta' kura residenzjali

5.7 Viżitaturi

5.8 Trasport

5.9 Manutenzjoni u ċertifikazzjoni tat-tagħmir tar-residenza

5.10 Annimali

5.11 Preparazzjoni u mmaniġġjar tal-ikel

# ANNESS XI:
# TAĦRIĠ GĦALL-ISTAFF

Il-maniġment għandu jassigura li l-istaff jirċievi taħriġ fuq bażi regolari, inklużi korsijiet ta' aġġornament li jinkludu, imma mhumiex limitati għal li ġej:

1. Il-prinċipji ta' kura;
2. Il-prattiki tax-xogħol siguri;
3. Taħriġ ta' introduzzjoni u job shadowing;
4. Iċ-ċaqliq, it-tqandil u l-immaniġġjar tar-residenti b'mod sigur;
5. Il-moviment tal-ġogi u l-pożizzjoni waqt attivitajiet funzjonali;
6. Ċertifikat validu fl-immaniġġjar tal-ikel;
7. Ċertifikat validu fl-Ewwel Għajnuna;
8. Ċertifikat validu fl-Ewwel Għajnuna fis-Saħħa Mentali;
9. L-għarfien dwar l-anemija;
10. L-għarfien dwar it-tipi differenti ta' diżabbiltà;
11. Taħriġ dwar il-proċeduri u t-tekniki użati għall-protezzjoni f'każ ta' aggressjoni;
12. Taħriġ dwar il-kontinenza u l-kura tal-kateter;
13. L-għarfien dwar id-dimenzja;
14. L-għarfien dwar id-dijabete;
15. Id-dinjità fil-kura;
16. Il-komunikazzjoni effettiva;
17. Taħriġ dwar iż-żamma effettiva tar-rekords;

18. L-għarfien dwar l-epilessija u taħriġ relatat mal-medikazzjoni;
19. L-għarfien dwar l-ugwaljanza u d-diversità;
20. L-għarfien dwar il-protezzjoni min-nirien u eżerċizzji ta' taħriġ f'każ ta' emerġenza;
21. Il-kontroll tal-infezzjonijiet;
22. Taħriġ dwar l-immaniġġjar ta' mġiba diffiċli;
23. L-għarfien dwar in-nutrizzjoni u l-idratazzjoni;
24. Taħriġ dwar il-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-ġrieħi tas-sodda;
25. Il-kura restrittiva;
26. Il-valutazzjoni tar-riskju;
27. Il-protezzjoni ta' adulti vulnerabbli;
28. L-immaniġġjar aktar sigur tal-medikazzjoni;
29. L-għarfien dwar il-puplesija;
30. Taħriġ fil-lingwa Maltija għas-settur;
31. Taħriġ dwar l-irwol tat-tim interdixxiplinarju;
32. Prinċipji bażiċi tad-drittijiet tal-bniedem.

# LINKS UTLI


1. Charter of Fundamental Rights of The European Union (2000/C 364/01) http://www.europarl.europa.eu/charter/pdf/text_en.pdf
2. Health and long-term care in the European Union Report https://sid.usal.es/idocs/F8/FDO22761/health_european_union.pdf
3. The Toronto Declaration on the Global Prevention of Elder Abuse by the World Health Organisation http://www.who.int/ageing/projects/elder_abuse/alc_toronto_declaration_en.pdf
4. European Charter of the rights and responsibilities of older people in need of long-term care and assistance

   https://www.age-platform.eu/sites/default/files/22495_guide_accompagnement_EN_low.pdf
5. International Dysphagia Diet Standardisation Initiative – the complete Framework Detailed Definitions 2.0 2019 https://iddsi.org/IDDSI/media/images/Complete_IDDSI_Framework_Final_31July2019.pdf
6. Kapitolu 424: Att Dwar L-Awtorità Għas-Saħħa u S-Sigurtà Fuq Il-Post Tax-Xogħol https://legislation.mt/eli/cap/424/mlt/pdf
7. Maltese Standard SM 3800:2015 – Accessibility for All in the Built Environment https://www.parlament.mt/media/78993/05294.pdf

**Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali**
469, Bugeia Institute, Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera, Malta

**www.scsa.gov.mt**

**© Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali 2021**

Edizzjoni 1

**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-ANZJANI
U L-ANZJANITÀ ATTIVA